ERU0909U26C – Medicinal
ERU0909U26D – Devices
ERU0909U26E – Devices
ERU0909U26F – Devices
ERU0909U26G – Devices
ERU0909U26H – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-11 ta' Settembru, 2026

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali ż-Żejtun jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali ż-Żejtun sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2026, għal:

Avviż Nru 03/26. Servizzi – Provvediment ta' accountant għall-Kunsill Lokali ż-Żejtun;

Avviż Nru 04/26. Servizzi – kiri, installazzjoni, manutenzjoni u żarmar ta' tiżjin tal-Milied fil-lokalità taż-Żejtun.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-11 ta' Settembru, 2026

ERU0909U26C – Medicinal
ERU0909U26D – Devices
ERU0909U26E – Devices
ERU0909U26F – Devices
ERU0909U26G – Devices
ERU0909U26H – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

11th September, 2026

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

The Żejtun Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żejtun Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. of Friday, 2nd October, 2026, for the:

Advt No. 03/26. Services – Provision of an accountant for the Żejtun Local Council;

Advt No. 04/26. Services – hiring, installation, maintenance and dismantling of Christmas decorations in the locality of Żejtun.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Council reserves the right of refusing any offer, even the most advantageous.

11th September, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2324

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 427/2026AD, fl-ismijiet: Helen Cordina vs Noel Spiteri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront ta' Noel Spiteri.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Helen Cordina (0506871M) vs Noel Spiteri (504673M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd May, 2026, in the records of the Sworn application number 427/2026AD, in the names: Helen Cordina vs Noel Spiteri, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap 12, for the purpose of service of Noel Spiteri.

By means of an application in the names: Helen Cordina (0506871M) vs Noel Spiteri (504673M) filed in the Civil

Prim'Awla, fis-27 ta' April, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimati sabiex jidhru quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija a tenur tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara li l-intimat qed jgħix fil-proprjetà tar-rikorrenti ossija l-fond bl-indirizz 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

4. Tordna lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond bl-indirizz 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà, entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jikkonsenja ċ-ċavetta tal-istess fond lir-rikorrenti, u fin-nuqqas tawtorizza l-assistenza tal-Pulizija sabiex jiġi żgumbrat inkluż l-awtorizzazzjoni għal żgass tal-bieb prinċipali tal-proprjetà inkluż tal-komun;

5. Tordna lill-intimat biex iħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża u tad-digriet biex jiġu maħtura kuraturi deputati u tal-eventwali mandat ta' żgumbrament jekk ikun neċessarju;

6. Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-intimat, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 427/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2026, fil-11.25 a.m.

Notifika: Noel Spiteri, 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court, First Hall, on the 27th April, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Hear this case without proceeding to a hearing for the purposes of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Order the respondents to appear before this Honourable Court on the day and time that shall be given in terms of Article 167 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta;

3. Declare that the respondent is living in the property of the applicant or rather the premises with address 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà, without any valid title at law;

4. Order the respondent to vacate the premises with address 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà, within a short and peremptory period to be fixed by this Honourable Court and deliver the key of the same premises to the applicant, and in default authorise the assistance of the police to be evicted including the authorisation for the eviction of the main door of the property including the common parts;

5. Order the respondent to pay the costs of this case and of the decree to appoint deputy curators and of the eventual warrant of eviction if necessary;

6. With costs and interest against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 427/2026AD in the names mentioned above is postponed to the 8th October, 2026, at 11.25 a.m.

Notify: Noel Spiteri, 13, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà

Registry of the Superior Courts, today 10th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2325

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 375/2025 fl-ismijiet Alexander de Mercur (passaport Britanniku numru 56091278) et vs Gabriel de Mercur (Passaport Britanniku numru HM615907) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmi Gabriel de Mercur a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju, 2026, għar-rigward tal-Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ

By order of the Court of Appeal delivered on the 20th October, 2025, in the records of Application number 375/2025 in the names Alexander de Mercur (British passport No. 56091278) et vs Gabriel de Mercur (British Passport No. HM615907) the following publication was ordered to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the said Gabriel de Mercur pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap 12.

By means of a decree of the Court of Appeal of the 19th May, 2026, regarding the Notice of hearing of a cause issued

mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet fuq msemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar il-15 ta' Ġunju, 2026, u ddifferita għad-9 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Gabriel de Mercur, Hacienda, Flat 6, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema SLM 1870

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum l-4 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by the Registry of the Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Court of Appeal in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 15th June, 2026, and deferred to the 9th November, 2026, at 9.30 a.m.

Notification: Gabriel de Mercur, Hacienda, Flat 6, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema SLM 1870

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 4th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2326

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 742/2026, min-Nutar Tiziana Maria Refalo noe, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Luciana Antonia sive Marcella Raszkiewics, Catherine Grace Fuhrman née Farrugia u Stephen Paul Sammy Farrugia wlied id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Salvu sive Sam Farrugia, żewġ Maria Concetta Farrugia née Tanti, bin Luciano Farrugia u Emelia Farrugia née Carabott, imwieled Ħal Lija, Malta, kien joqgħod l-Awstralja, u miet Victoria, l-Awstralja, fit-23 ta' Ottubru, 2002, ta' 68 sena.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th August, 2026, Application number 742/2026 by Notary Tiziana Maria Refalo noe, whereby she requested that it be declared open in favour of Luciana Antonia sive Marcella Raszkiewics, Catherine Grace Fuhrman née Farrugia and Stephen Paul Sammy Farrugia children of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Salvu sive Sam Farrugia, husband of Maria Concetta Farrugia née Tanti, son of Luciano Farrugia and Emelia Farrugia née Carabott, born in Ħal Lija, Malta, resided in Australia, and died in Victoria, Australia, on the 23rd October, 2002, aged 68.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2327

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-28 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 789/2026, minn Ruth Sammut et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Ruth Sammut, Anna Bugeja u Elena Borg ulied il-mejjet Anthony Sammut dan tal-aħħar iben d-decujus fi kwoti ndaqs bejnetihom is-suċċessjoni ta' Evellina Sammut née Attard, armla ta' Luigi Sammut, bint il-mejtin Salvatore Attard u Angela Attard née Grech, imwielda Birkirkara, Malta, kienet

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 28th August, 2026, Application number 789/2026 by Ruth Sammut et, whereby they requested that it be declared open in favour of Ruth Sammut, Anna Bugeja and Elena Borg children of the late Anthony Sammut the latter son of the decujus in equal shares between them the succession of Evellina Sammut née Attard, widow of Luigi Sammut, daughter of the late Salvatore Attard and Angela Attard née Grech, born in

residenti Birkirkara, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-14 ta' Marzu, 2026, ta' 89 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0311636M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta, and died in Msida, Malta, on the 14th March, 2026, aged 89, and who held identity card number 0311636M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2328

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 782/2026, minn Olesksandr Pastukhov, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Oleksandr Pastukhov iben d-decujus is-suċċessjoni ta' Mykola Pastukhov, divorzjat minn Maryna Pastukhova née Ermolenko, bin il-mejtin Pavlo Pastukhov u Efrosinia Pastukhova née Kolomyets, imwieled Nemerche, l-Ukrajna, kien residenti San Ġwann, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-28 ta' Settembru, 2025, ta' 83 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0432486A.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th August, 2026, Application number 782/2026 by Oleksandr Pastukhov, whereby he requested that it be declared open in favour of Oleksandr Pastukhov son of the decujus the succession of Mykola Pastukhov, divorced from Maryna Pastukhova née Ermolenko, son of the late Pavlo Pastukhov and Efrosinia Pastukhova née Kolomyets, born in Nemerche, Ukraine, resided in San Ġwann, Malta, and died in Msida, Malta, on the 28th September, 2025, aged 83, and who held identity card number 0432486A.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2329

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 719/2026, minn Darren Cordina noe et, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur John Jeffrey Ernest Webb, żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Paul Alexander Webb, Susan Webb u Annie Lee Webb ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Jean

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th August, 2026, Application number 719/2026 by Darren Cordina noe et, whereby he requested that it be declared open in favour of John Jeffrey Ernest Webb, husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Paul Alexander Webb, Susan Webb and Annie Lee Webb children of the

Margaret Webb née Fisher, mart John Jeffrey Ernest Webb, bint il-mejtin Jack Fisher u Jessie Fisher née Tate, imwielda Londra, ir-Renju Unit, kienet toqgħod Marsaskala, Malta, u mietet Marsaskala, Malta, fis-17 ta' Lulju, 2017, ta' 71 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0040091A.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

decujus in equal shares between them the succession of Jean Margaret Webb née Fisher, wife of John Jeffrey Ernest Webb, daughter of the late Jack Fisher and Jessie Fisher née Tate, born in London, United Kingdom, resided in Marsaskala, Malta, and died in Marsaskala, Malta, on the 17th July, 2017, aged 71, and who held identity card number 0040091A.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2330

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 783/2026, minn Allan Peter Mottram, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Allan Peter Mottram, żewġ id-decujus is-suċċessjoni ta' Peta Margaret Hattersley, mart Allan Peter Mottram, bint il-mejtin Charles Raymond Hattersley u Kathleen Hattersley née Crofts, imwielda Haddenham, ir-Renju Unit, kienet toqgħod Ħal Qormi, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fis-17 ta' Mejju, 2026, ta' 77 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0031180A.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th August, 2026, Application number 783/2026 by Allan Peter Mottram, whereby he requested that it be declared open in favour of Allan Peter Mottram, husband of the decujus them the succession of Peta Margaret Hattersley, wife of Allan Peter Mottram, daughter of the late Charles Raymond Hattersley and Kathleen Hattersley née Crofts, born in Haddenham, United Kingdom, resided in Ħal Qormi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 17th May, 2026, aged 77, and who held identity card number 0031180A.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2331

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 741/2026, minn Josianna Sammut et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josianna Sammut, Ivan Riolo, Bernardo Riolo, Stefan

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th August, 2026, Application number 741/2026 by Josianna Sammut et, whereby they requested that it be declared open in favour of Josianna Sammut, Ivan Riolo, Bernardo Riolo, Stefan

Riolo, Dorothea (Thea) Micallef u Ernestino (Tino) Riolo wlied d-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Rosa Riolo née Laiviera, armla ta' Giovanni Riolo, bint il-mejtin Ernesto Laiviera u Giovanna Laiviera née Martinelli, imwielda l-Birgu, Malta, u kienet residenti l-Gżira, Malta, u mietet tal-Pietà, Malta, fis-27 ta' Mejju, 2026, ta' 90 sena, u li kellha karta tal-identità numru 163036M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Riolo, Dorothea (Thea) Micallef and Ernestino (Tino) Riolo, children of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them the succession of Rosa Riolo née Laiviera, widow of Giovanni Riolo, daughter of the late Ernesto Laiviera and Giovanna Laiviera née Martinelli, born in Vittoriosa, Malta, resided in Gżira, Malta, and died in Tal-Pietà, Malta, on the 27th May, 2026, aged 90, and who held identity card number 163036M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2332

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-11 ta' Awwissu, 2026, fuq talba Paul John Finch ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Jennifer Rose O'Connor fl-atti tar-Rikors numru 781/2026AB fl-ismijiet Paul John Finch vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Paul John Finch (numru tal-passaport Awstraljan RA1486601) kif debitament rappreżentat mill-Avukat Dott. Kris Scicluna (KI 196686M) bħala mandatarju speċjali vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Jennifer Rose O'Connor (numru tal-liċenzja tas-sewqan Awstraljan 031602994), ippreżentat fil-31 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrenti Paul John Finch (KI numru tal-passaport Awstraljan RA1486601) talab bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti u li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex il-bejgħ tal-proprjetà kollha jiġi awtorizzat;

2. Tiddikjara li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tinħareġ ordni għall-bejgħ tal-fond bin-numru 10, Artmar, Triq il-Monsinjur Guido Calleja, San Ġiljan, Malta (storikament

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 11th August, 2026, by means of a request by Paul John Finch it was ordered that deputy curators be chosen to represent Jennifer Rose O'Connor, in the records of the Application 781/2026AB, in the names Paul John Finch vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Paul John Finch (Australian passport number RA1486601) as duly represented by Advocate Dr Kris Scicluna (ID 196686M) as special mandatory vs Deputy Curators to represent the absentee Jennifer Rose O'Connor (Australian driving license number 031602994), on the 31st July, 2026, the applicant Paul John Finch (Australian passport number RA1486601) requested with respect this Honourable Court to:

1. Declare that all the requirements of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta have been satisfied and that there are sufficient reasons for the sale of all the property to be authorised;

2. Declare that there are sufficient reasons to issue an order for the sale of the premises with number 10, Artmar, Triq il-Monsinjur Guido Calleja, St Julain's, Malta (historically

111, Triq il-Kbira, San Ġiljan) bil-prezz u kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju fuq msemmi datat 23 ta' Lulju, 2026, anness bħala Dokument F sakemm dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli mal-bejgħ tal-proprjetà kollha u mal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, jew taħt tali pattijiet, kundizzjonijet u modalitajiet oħra li din l-Onorabbli Qorti tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-komproprjetarji kollha;

3. Tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post fejn u meta għandu jsir it-trasferiment b'att notarili;

4. Taħtar lin-Nutar Dott. Roberta Borg sabiex tirċievi u tippubblika l-att finali ta' bejgħ;

5. Taħtar kuratur jew kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-intimata fl-att finali ta' bejgħ jekk l-istess tonqos milli tidher quddiem in-nutar maħtur fil-ħin, il-jum u l-post stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Tordna li mir-rikavat tal-prezz tal-bejgħ, is-sehem proporzjonali tal-intimata (1/8) jiġi ddepożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti jew imħallas direttament lill-intimata jew lill-kuratur/i maħtur/a wara t-tnaqqis tal-ispejjeż proporzjonali tal-proċeduri skont il-liġi;

7. Tagħti kull direzzjoni u direttiva li jidhrulha xierqa u opportuni inkluż, jekk tħoss li huwa ġust u ekwu, ordni illi mir-rikavat tal-prezz tal-bejgħ finali li jispetta lill-intimata jitħallsu l-ispejjeż kollha relatati ma' din il-kawża u tawtorizza lill-kuratur jew kuraturi sabiex, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' dawk il-proċeduri jiddepożita l-bilanċ tas-sehem spettanti lill-intiamta mir-rikavat tal-imsemmi bejgħ taħt l-Awtorità tal-Qorti;

8. Tagħti kwalunkwe provvedimenti oħra li din l-Onorabbi Qorti jidhrilha xierqa u opportuni inkluż, jekk jirriżulta li ma jukunx saru d-dikjarazzjonijiet Causa Mortis fir-rigward tal-ishma tal-intimata li jkun ġej minn wirt li l-istess nutara nominata biex tippubblika l-att ta' bejgħ tiġi awtorizzata tippubblika wkoll tali dikjarazzjojnijiet u li l-ispejjeż relattivi jiġu mnaqqsa mis-sehem tar-rikavat tal-istess intimata;

9. Alternattivament f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet imsemmija fuq u tiċħad ir-rikors skont id-dispożizzjojnijiet tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-bejgħ tal-proprjetà b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) tal-istess Artikolu 495A u dan skont id-dispożizzjonjijet tal-artikoli 521 u 522 tal-Kodiċi, taħt tali termini, kundizzjonijiet u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti tqis xierqa fiċ-ċirkustanzi.

10. Bl-ispejjeż ġudizzjarji kollha kontra l-intimata.

111, Triq il-Kbira, St Julain's) with the price and conditions stipulated in the promise of sale agreement above mentioned dated 23rd July, 2026, annexed as document F provided that those terms and conditions are compatible with the sale of all the property and with the order of this Honourable Court, or under such terms, conditions and other modalities as this Honourable Court deems fit in the circumstances in order to safeguard the interests of all the co-owners;

3. Establish the time, day and place where and when the transfer by notorial deed is to take place;

4. Appoint Notary Dr Roberta Borg to receive and publish the final deed of sale;

5. Appoint a curator or curators to represent the respondent in the final deed of sale if the same fails to appear before the appointed notary at the time, day and place established by this Honourable Court;

6. Order that from the proceeds of the sale price, the proportional share of the respondent (1/8) be deposited under the authority of the Court or paid directly to the respondent or to the curator/s appointed after deduction of the proportional costs of the procedures according to law;

7. Give every direction and directive that it deems fit and opportune including, if it feels it is just and equitable, an order that from the proceeds of the final sale price due to the respondent all the costs related to this cause be paid and authorise the curator or curators so that, after the deduction of the costs of those procedures, to deposit the balance of the share due to the respondent from the proceeds of the said sale under the authority of the Court;

8. Give any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune including, if it results that Causa Mortis declarations in respect to the respondent's shares deriving from inheritance have not been made, that the same Notary appointed to publish the deed of sale is authorised to publish also such declarations and that the relative costs are deducted from the share of the proceeds of the same respondent;

9. Alternatively in case this Honourable Court does not uphold the demands above mentioned and dismiss the application in accordance to the provisions of sub-Article (7) of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta, order the sale of the property by auction according to the provisions of sub-Article (9) of the said Article 495A and this according to the provisions of Articles 521 and 522 of the Civil Code, under such terms, conditions and modalities that this Honourable Court deems fit in the circumstances.

10. With all judicial costs against the respondent.

Rikorrenti: AE Legal, Valletta Buildings, Level 2, Triq in-Nofsinhar, Il-Belt Valletta

Atturi: Kuraturi deputati, Il-Qorti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 11 ta' Awwissu, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant – AE Legal, Valletta Buildings, Level 2, Triq in-Nofsinhar, Valletta

Notification: Deputy curators, Law Courts

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD, Doctor of Laws.

Today 11th August, 2026

Registry of the Superior Courts, today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2333

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Settembru, 2026 (Rikors numru 92/2026) rikors ta' Maria Dolores sive Doris Bugeja et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Joseph Sciberras, armel ta' Mary Sciberras, bin il-mejtin Lawrence Sciberras u Maria Sciberras née Galea, imwieled Ta' Sannat, Għawdex, fid-19 ta' Awwissu, 1940, u miet ir-Rabat, Għawdex, fl-14 ta' Lulju, 2025 (KI 58240G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' wliedu Maria Dolores sive Doris Bugeja (KI 17564G) u Lawrence Sciberras (KI 1973G) f'ishma ugwali bejniethom u ċoè nofs (1/2) sehem indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Natalino

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 1st of September, 2026 (Application number 92/2026) by Maria Dolores sive Doris Bugeja et, the opening of the succession was requested of Joseph Sciberras, widower of Mary Sciberras, son of the late Lawrence Sciberras and Maria Sciberras née Galea, born in Ta' Sannat, Gozo, on the 19th August, 1940, and died in Victoria, Gozo, on the 14th July, 2025 (ID 58240G) which opening of succession is to be made in favour of his children Maria Dolores sive Doris Bugeja (ID 17564G) and Lawrence Sciberras (ID 1973G) in equal shares between them and namely one half (1/2) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De

Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Settembru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)

Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 2nd of September, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2334

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-31 ta' Awwissu, 2026 (Rikors numru 91/2026) rikors ta' Anthony Caruana et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Carmel Caruana, ġuvni, bin il-mejtin Joseph Caruana u Maria Concetta Caruana née Galea, imwieled Għajnsielem, Għawdex, u miet Għajnsielem, Għawdex, fl-20 ta' Frar, 2026 (KI 70141G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' ħutu Anthony Caruana (KI 47151G), Joan Mary Caruana (KI 9648G), Joseph Caruana (KI 40445G) u Loretu Caruana (KI 9149G) f'ishma ndaqs bejniethom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Settembru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 31st of August, 2026 (Application number 91/2026) by Anthony Caruana et, the opening of the succession was requested of Carmel Caruana, bachelor, son of the late Joseph Caruana and Maria Concetta Caruana née Galea, born in Għajnsielem, Gozo, and died in Għajnsielem, Gozo, on the 20th February, 2026 (ID 70141G), which opening of succession is to be made in favour of his brothers and sister Anthony Caruana (ID 47151G), Joan Mary Caruana (ID 9648G), Joseph Caruana (ID 40445G) and Loretu Caruana (ID 9149G) in equal shares between them, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 2nd of September, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2335

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 109/2026AGV fl-ismijiet Winston Preca vs Charmaine Preca née Mamo, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Charmaine

By means of a decree of the 6th May, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Winston Preca vs Charmaine Preca née Mamo, Application number 109/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service

Preca née Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Winston Preca (KI 132268M) vs Charmaine Preca née Mamo (KI 427073M) fl-atti tar-Rikors numru 109/2026AGV, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Winston Preca (KI 132268M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi inġunta għas-subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Winston Preca vs Charmaine Preca (Rikors numru 109/2026AGV) hija differita għat-23 ta' Settembru, 2026, fil-11.00 a.m.

Notifika: Charmaine Preca née Mamo, 97, Josephine, Triq Wied Mejxu, Tal-Ibraġ

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

on the respondent Charmaine Preca née Mamo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 109/2026AGV in the names Winston Preca (ID 132268M) vs Charmaine Preca née Mamo (ID 427073M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th March, 2026, the applicant Winston Preca (ID 132268M) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage of the parties so that this is registered in the Public Registy.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

The application in the names Winston Preca vs Charmaine Preca, Application number 109/2026AGV has been postponed for hearing to the 23rd September, 2026, at 11.00 a.m.

Notification: Charmaine Preca née Mamo, 97, Josephine, Triq Wied Mejxu, Tal-Ibraġ

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2336

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' Anthony Tabone et ġie ordnat sabiex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien taċ-ċens u subċens mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1974/2025, fl-ismijiet Anthony Tabone et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u ta' kontestwali fidi ta' ċens numru 1974/2025 fl-ismijiet ta' Anthony Tabone, legalment separat minn Maryanne Tabone, imwieled Ħaż-Żabbar fis-27 ta' Settembru, 1969 u residenti 3, Triq

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 23rd September, 2025, following a request of Anthony Tabone et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the owners of the unknown groundrent and sub-groundrent in the acts of the schedule of deposit number 1974/2025, in the names Anthony Tabone et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1974/2025 in the names of Anthony Tabone, legally separated from Maryanne Tabone, born in Ħaż-Żabbar on the 27th September, 1969, and residing at 3,

il-Biċċieni, Sqaq il-Loġġa, Ħaż-Żabbar (KI 432769M); Emanuela Portelli née Tabone, mart Emanuel Portelli, imwielda Tal-Pietà fl-1 ta' Ġunju,1954, u residenti numru tlettax (13), Sqaq il-Knisja, Ħaż-Żabbar (KI 462054M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa tad-direttarja s-Sinjorina Angolina Bezzina, xebba, bint il-mejtin Salvatore Bezzina u Carmela Bezzina née Magro, imwielda Bormla u kienet residenti Birżebbuġa u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa tas-subdirettarji: 1) L-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg, bin il-mejtin Filippo Buttigieg u Marianna Buttigieg née Debono, mwieled Ħaż-Żebbuġ u kein residenti Ħal Balzan; 2) Il-Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Rinaldo sive Rene Buttigieg, iben l-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg u Erminea Buttigeg née Farrugia, mwieled u kien residenti Ħal Balzan; 3) Gaston Buttigieg, impjegat ċivili, iben l-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg u Erminea Buttigieg née Farrugia, mwieled il-Belt Valletta u kien residenti Ħal Balzan; 4) il-Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Victor Calleja, iben Joseph Calleja u Ermelinda Calleja née Gauci, imwieled l-Isla u kien residenti Tal-Pietà; 5) in-Nutar Dott. John Micallef Trigona, bin l-Ispiżjar Walter Micallef u Mary Micallef née Sciberras Trigona, imwieled Tas-Sliema u kien residenti Ħal Balzan; 6) Carmelo Mamo, negozjant, iben Michele Mamo u Carmela Mamo née Borg, imwieled u kien residenti l-Belt Valletta; u 7) Antonio Mamo, negozjant, iben Michele Mamo u Carmela Mamo née Borg, imwieled u kien residenti l-Belt Valletta, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-19 ta' Settembru, 2025, fejn Anthony Tabone et jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossiedu t-terran bin-numru disgħa u għoxrin (29), bl-isem ta' 'Eden', Triq San Ġwann, Il-Fgura, inkluż l-arja sovrastanti u dan kif suġġett għaċ-ċens, subċens u awment annwu u perpetwu ta' tlieta u disgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€93.21), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif muri fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A', u dan kif aħjar deskritt fl-atti tal-akkwist tan-Nutar Dott. Paulo Pullicino wieħed tad-disgħa ta' Settembru tas-sena elf disa' mija wieħed u sittin (9/9/1961) u l-ieħor tal-ħamsa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tlieta u sittin (25/11/1963) hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B' u 'Dok. C' rispettivament. Din hija residenzjali;

Il-proprjetà immobbli kienet oriġinarjament akkwistata minn Francesco Saverio Tabone fid-durata taż-żwieġ tiegħu ma' Theresa Tabone. L-imsemmija Theresa Tabone mietet fl-għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (20/10/1985) u in forza ta' testament unica charta li għamlet ma' żewġha Francesco Saverio Tabone fl-atti tan-Nutar Dott. Carmelo Lia tat-tlieta ta' Settembru elf disa' mija ħamsa u tmenin (3/9/1985) fost dispożizzjonijiet oħra, hija ħalliet b'titolu ta' legat favur Anthony Tabone u Emanuela Portelli, aħwa Tabone, il-proprjetà msemmija.

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAZZJONI tal-Ordni ta' Ffriżar maħruġ fuq l-assi ta' MANUEL FELIPE GOMEZ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Astrid May Grima, LLD) permezz ta' digriet datat 8 ta' April, 2025, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' April, 2025.

Din in-notifika qed tiġi ippubblikata ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal- Liġijiet ta' Malta.

Illum 2 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

MANUEL FELIPE GOMEZ, umemployed, 29 years, son of Raia, born in Bucaramanga, Colombia, on the 25th February, 1997 and residing at 10, 'Ben's Court', Flat 5B, Triq Michele Bellanti, Msida, and holder of a Colombian passport bearing number AV 998083 and a Maltese Identification document bearing number 267572A.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the Seizing and Freezing Order issued against MANUEL FELIPE GOMEZ which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Astrid May Grima, LLD) by a decree dated 8th April, 2025, which was duly published in the Government Gazette of the 11th April, 2025.

This notice is being published in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today 2nd September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2348

ARB/C103/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti Fl-24 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), Kumpilazzjoni Numru 729/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SURATDA BORG, ta' 44 sena, bint Samran Pim Ubon u Tongkam, imwieleda fit-Tajlandja, fil-11 ta' Awwissu, 1982, u residenti f'55, EL CID, Flat 5, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ u detentur ta' passaport Malti bin-numru 1358841 u karta tal-identità Maltija bin-numru 170418L.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SURATDA BORG u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 36, tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita, Kap. 621 tal- Liġijiet ta' Malta.

ARB/C103/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th August, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD), with Compilation Number 729/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SURATDA BORG, 44 years, daughter of Samran Pim Ubon and Tongkam, born in Thailand, on the 11th August, 1982, and residing at 55, El CID, Flat 5, Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ, and holder of a Maltese passport bearing number 1358841 and a Maltese identity card bearing number 170418L.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SURATDA BORG and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Il Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat tista' tibqa' tirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li tiddikjara l-għejun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilha, b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 3 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred, seventy-six euro and twenty four cents (€13,976.24) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to her provided that every financial entity is ordered to file a note informing the Court of the account into which, or from which, the said funds are being received.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 3rd September 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2349

ARB/C106/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-19 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Elaine Rizzo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 7830/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SANNA BALISA, impjegat, ta' 30 sena, iben Ibrahim u Fatima, imwieled fil-Gambia, fi-25 ta' Diċembru, 1995, u resident f'66, Triq ir-Rebħ, Il-Gżira, Malta, detentur ta' passaport tal-Gambja bin-numru PC707697 u tan-numru personali 13W-087.

Il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flus kollha u ta' kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SANNA BALISA, u tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jagħmel ipoteka jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli jew proprjetà li tista' tiġi mneħħija, li tkun proprjetà tiegħu jew li tkun miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ARB/C106/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 19th August, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD). Compilation Number 7830/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SANNA BALISA, employed, 30 years, son of Ibrahim and Fatima, born in Gambia, on the 25th December, 1995, and residing at 66, Triq ir-Rebħ, Gżira, Malta, and holder of Gambian Passport bearing number PC707697 and personal number 13W-087.

The Court ordered the attachment in the hands of third parties in general, all monies and other movable property due or pertaining or belonging to SANNA BALISA and further prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any immovable or movable or removable property owned or otherwise held by the accused in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum 3 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 3rd September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2350

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Settembru, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti B'digriet mogħti fl-4 ta' Settembru, 2026, ġie ordnat li jintagħżel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' Michael Zammit u tas-soċjetà Michael Zammit Holdings Limited fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 91/2022 NCD fl-ismijiet 'Zammit Michael Angelo pro et noe versus Vella John et' liema rikors ġuramentat ġie ppreżentat fit-8 ta' Awwissu, 2022, u f'dak ppreżentat fit-3 ta' Novembru, 2022, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jaqra hekk:

Rikors Ġuramentat tal-Esponent Zammit Michael Angelo, detentur tal-karta tal-identità 0031156G, bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited;

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi din l-istess kawża qiegħda ssir in sostenn tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-numru 24/2022/1 BS fl-ismijiet '(Rikorrent) Zammit Michael Angelo, detentur tal-karta tal-identità 0031156G, bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 4th of September, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law serves as notification according to article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 4th of September, 2026, it was ordered that a deputy curator be chosen according to law to represent the interests of Michael Zammit and the company Michael Zammit Holdings Limited, in the acts of the sworn application bearing number 91/2022 NCD in the names 'Zammit Michael Angelo pro et noe versus Vella John et' which sworn application was filed on the 8th of August, 2022, and of that filed on the 3rd of November, 2022, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts, which application reads thus:

Sworn Application by the applicant Michael Angelo Zammit, holder of identity card number 0031156G, in his capacity as Director and also representing the Company Michael Zammit Holdings Limited;

He respectfully submits and confirms on oath:

1. That this case is being instituted in support of the Warrant of Prohibitory Injunction bearing number 24/2022/1 BS, in the names: '(Applicant) Zammit Michael Angelo, holder of identity card number 0031156G, in his capacity as

tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C9105, kontra (Intimati) Vella John, detentur tal-karta tal-identità 003468G, bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C25788;'

2. Illi l-Esponent rikorrent sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, kien talab lill din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta, iżżomm lill-istess intimati milli:

I. Ikompli jibni fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tmienja u sittin metru kwadru (168 M²);

II. Illi din il-porzjon hija indikata bin-numru wieħed (1) fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kienu ġew immarkati bħala Dokument A u Dokument B;

III. Illi fuq Dokument A, din il-porzjoni tikkonfina mit-Tramuntana mal-parti stradali proġġettata; Lvant mal-porzjoni numru tnejn (2) proprjetà tal-istess Esponent rikorrent, is-Soċjetà Michael Zammmit Holdings Limited (Ara d-Dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument A);

IV. Illi fuq Dokument B, din il-porzjoni tikkonfina mit-Tramuntana mal-parti stradali proġġettata; Lvant mal-porzjoni proprjetà tal-istess Esponent rikorrent, is-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited, u mill-Punent, in parte mal-Proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli u in parte mal-Proprjetà tal-istess Esponent rikorrent, is-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited, u in parte mal-Proprjetà ta' terzi, probabbilment Proprjetà tal-istess intimati s-Soċjetà Island Farmhouses Limited (Ara d-Dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B);

V. Illi kif jidher ben ċar daqs il-kristall, li fuq mill-anqas erba' faċċati, saret invażjoni mill-istess intimati Island Farmhouses Ltd (Sales & Letting) fuq l-istess proprjetajiet tal-istess Esponent rikorrent, is-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited (Ara pereżempju ritratt li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Photo A);

3. Illi permezz tad-Digriet hekk datat 19 ta' Lulju, 2022, din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta, għar-raġunijiet mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti, kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni bl-ispejjeż ta' dawka l-istess Proċeduri jkunu a karigu tal-istess intimati nomine;

4. Illi l-istess Esponent rikorrent qed jitlob bir-rispett lill din l-istess Onorabbli Qorti tikkunsidra li:

Director and also representing the company Michael Zammit Holdings Limited with Company Registration number C9105, against (Respondents) Vella John, holder of identity card number 003468G in his capacity as Director and also representing the Company Island Farmhouses Limited with Company Registration number C25788;'

2. That in order to safeguard his rights, the applicant requested this same Honourable Court presided over by another magistrate, to restrain the said respondents from:

I. Continuing construction on the immovable property situated in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically, a portion divided from a larger tract of land measuring approximately one hundred and sixty-eight square metres (168 M²);

II. That this portion is identified by number one (1) on the plans attached to the original Sworn Application which were marked as Document A and Document B;

III. That on Document A, this portion is bounded to the north by the projected roadway; to the east by portion number two (2) property of the applicant himself, the Company Michael Zammit Holdings Limited (see the Document which was attached to the original Sworn Application and which was marked as DOC Document A);

IV. That on Document B, this portion is bounded to the north by the projected roadway; to the east with the portion property of the said applicant, the Company Michael Zammit Holdings Limited, and to the west, in part with the Property of Mr Ian Charles Dalli and in part with the Property of the said applicant, the Company Michael Zammit Holdings Limited, an in part with the property of third parties, probably Property of the said respondents the Company Island Farmhouses Limited (See the document which was attached to the original Sworn Application and which was marked as Document B);

V. Whereas it is crystal clear that, on at least four frontages, an encroachment has been committed by the said respondents Island Farmhouses Ltd (Sales & Letting) upon the properties of the said applicant, the Company Michael Zammit Holdings Limited (see, for example Photograph that was attached to the original Sworn Application and marked as DOC Photo A);

3. That by means of the Decree dated 19th of July, 2022, this same Honourable Court as presided by another magistrate, for the reasons given by same Honourable the Court, upheld the request for the issuance of the said Warrant of Prohibitory Injunction with the costs of those same proceedings to be borne by the said respondents nomine;

4. That the same applicant respectfully requests this Honourable Court to consider:

a) Tannetti l-istess Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-numru 24/2022/1BS fl-ismijiet 'Michael Angelo Zammit noe vs John Vella noe,' mal-Proċess ta' din l-istess kawża odjerna;

b) Tiddikjara li l-provi hekk miġbura fl-istess Mandat ta' Inibizzjoni u li jġib in-numru 24/2022/1BS jgħoddu anke għall-Dina l-istess Kawża odjerna;

5. Illi l-istess Esponent rikorrent jiddikjara li l-istess intimat Vella John bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited kien akkwista l-istess porzjoni art meritu tal-kawża odjerna permezz tal-kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju 2007 quddiem in-Nutar Enzo Dimech bejn Anthony Grech u Zammit Michael Angelo bħala Diretturi, u għan-nom u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Tripod Investment Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C13659, u l-istess Soċjetà intimata (ara d-dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B);

6. Illi fi kliem ieħor:

A. Is-Sur Zammit Michael Angelo kien wieħed miż-żewġ Diretturi li kien stabbilixxa mal-istess Soċjetà intimata l-istess konfini tal-istess porzjoni Art meritu tal-kawża odjerna (ara d-Dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B); u fuq kollox u bla ebda ombra ta' dubju,

B. Is-Sur Vella John kien l-istess persuna li kien aċċetta l-istess konfini tal-istess l-porzjoni art meritu tal-kawża odjerna (ara d-Dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B);

7. Illi kif jidher ben ċar daqs il-kristall, fuq l-istess pjanti hekk approvata mill-istess Awtorità tal-Ippjanar, ossija, DOK AI Plan3, il-plott hekk approvata mill-istess Awtorità għanda:

a) Dejjem linji dritti,

b) Prattikament, l-angoli tal-plott ma humiex 90° bumm, u fuq kollox,

c) Il-wisa' tal-plott fuq in-naħa ta' ġewwa li hemm bejn iż-żewġ sisien huwa aktar wiesa' minn naħa ta' barra taż-żewġ sisien;

8. Illi għalhekk, huwa evidenti u kif jidher ben ċar daqs il-kristall, l-istess pjanta hekk approvata mill-istess Awtorità tal-Ippjanar, ossija, DOK AI Plan 3, ma għandha xejn x'taqsam ma' kif verament qegħdin jibnu l-istess intimati:

a) Attaching the same acts of the Warrant of Prohibitory Injunction bearing number 24/2022/1BS in the names 'Michael Angelo Zammit noe vs John Vella noe' to the records of the same present case;

b) Declaring that the evidence gathered in the said Warrant of Prohibitory Injunction bearing number 24/2022/1BS shall also apply to the present case;

5. The same applicant declares that the same respondent, Vella John acting as a Director and in a representative capacity for the company Island Farmhouses Limited had acquired the same portion of Land that is the subject of the present case via the contract published on the 11th of June 2007 before Notary Enzo Dimech between Anthony Grech and Zammit Michael Angelo acting as Directors, and on behalf of and representing the Company Tripod Investment Limited with Company Registration number C13659, and the respondent company itself (see the document that was attached to the original Sworn Application and marked as DOK Document B);

6. That in other words:

A. Mr Michael Angelo Zammit was one of the two Directors who had established with the respondent Company the boundaries in question of the same portion of land that is the subject of the present case (see the document which was attached to the original Sworn Application and which was marked as DOC Document B); and above all and without a shadow of a doubt,

B. Mr John Vella was the very person who accepted the boundaries of the same portion of land that is the subject of the present case (see the document which was attached to the original Sworn Application and which was marked as DOC Document B);

7. Whereas, as is crystal clear, on the same plans approved by the same Planning Authority, namely, DOC AI Plan3, the plot approved by the said Authority features:

a) Exclusively straight lines,

b) In practice, the angles of the plot are not exactly 90°, and above all,

c) The width of the Plot on the inner side between the two boundary walls is greater than the width on the outer side of the two boundary walls;

8. Therefore, it is evident and crystal clear, that the very plan approved by the Planning Authority, namely, DOC AI Plan 3, bears no relation to the way the respondents are actually carrying out the construction:

9. Illi fi kliem aktar sempliċi, l-istess mala fede tal-istess intimati huwa tant evidenti li anke mal-ewwel daqqa ta' għajn, l-istess intimati mhux biss abbużaw mill-istess pożizzjoni dominanti li minħabba ċ-ċirkustanzi sabu ruħhom fihom, imma wkoll, huwa evidenti li l-istess intimati invadew l-istess żewġ territorji tal-istess rikorrent kif hekk aċċettati mill-istess Sur Vella et nom permezz tal-Kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju, 2007 (Ara d-Dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B);

9. That in simpler terms, the same mala fede of the respondents is so evident that even at first glance, it is clear they not only abused the dominant position in which they found themselves due to the circumstances, but also, encroached upon the two areas belonging to the applican as accepted by the same Mr Vella et nom by means of the contract published on 11th of June, 2007 (See the Document which was attached to the original Sworn Application and which was marked as DOK Document B):

10. Illi fi kliem aktar sempliċi, anke jekk għal grazzja tal-argument, l-istess intimati jippruvaw li maż-żmien, l-istess pjanta hekk approvata mill-istess Awtorità tal- Ippjanar, DOK AI Plan 3, ġiet emendata sabiex l-istess binja meritu tal-kawża odjerna flimkien mal-istess faċilitajiet hekk annessi magħha u l-istess arja u s-sottoswol rispettiv tagħha kellhom ikunu emendati sabiex jiġu mibnija skont il-permessi relattivi ġodda tal-bini, għandu jirriżulta illi mhux suppost hemm permessi tal-bini li jmorru oltre l-istess 'footprint' tal-kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju, 2007, quddiem in-Nutar Enzo Dimech bejn Grech u Zammit bħala Diretturi, u għan-nom u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Tripod Investments Limited u l-istess Soċjetà intimata u li jekk hemm, il-'compliance certificate' tal-bini żgur ġiet ottenuta b'qerq u ingann u għalhekk trendi l-permess il-ġdid u l-effetti tiegħu bħala nulli u bla effett;

10. That in simpler terms, even if for the sake of argument, the same respondents were to prove that over time, the plan approved by the Planning Authority, DOC AI Plan 3, was amended so that the building subject to the present case along with its annexed facilities and its respective airspace and subsoil was to be modified for construction in accordance with new building permits, it would nonetheless emerge that there ought not to be any building permits extending beyond the 'footprint' defined in the contract drawn up on 11th of June, 2007, before Notary Enzo Dimech between Grech and Zammit acting as Directors, and on behalf and representing Tripod Investments Limited and the same respondent Company and if such 'compliance certificate' of building exists permits do exist, it must certainly have been obtained through fraud and deceit thereby rendering the new permit and its effects null and void;

11. Illi l-prinċipju ġenerali hu li l-kuntratt jirrifletti l-ftehim, ossija l-liġi bejn il-partijiet u li l-kuntratt għandu jkun eżegwibbli in toto u mhux in parte u jekk il-kuntratt ma jkunx jew

11. That the general principle is that the contract reflects, namely the law between the parties and that the contract must be enforceable in toto and not in parte and if the contract is not or

a) Ma jistax isir iżjed, li jitħallas id-danni minn min jkun fi ħtija, jew

a) Cannot be done, in which case the party at fault must pay damages, or

b) Ma jkunx jista' jitwettaq skont it-Termini tal-Kuntratt, il-partijiet fl-istess kuntratt ma jistgħu jagħmlu xejn li b'xi mod jiksru anke parti mill-istess kuntratt;

b) Cannot be carried out according to the Terms of the Contract, the parties to said contract may not take any action that would in any way breach even a part of that kontract;

12. Illi jerġa, l-istess binja llum proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli u li kienet inbniet fin-1980s ma kinitx ġiet mibnija skont l-istess konfini tal-istess għalqa li kien hemm qabel in-1980s;

12. That furthermore, the building in question, now the property of Mr Ian Charles Dalli and originally constructed in 1980 was not built in alignment with the boundaries of the field that existed prior to the 1980s;

13. Illi fi kliem aktar sempliċi min bena l-istess dar illum proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli kien ftiehem mal-istess ġar tiegħu li jemendaw l-istess linja medjana billi l-istess ġar ħa parti min-naħa ta' wara tal-istess għalqa barra l-biċċa ta' fuq is-sies u min bena l-istess binja, illum proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli, ħa biċċa żejda fuq quddiem mat-triq u b'hekk żamm is-sies u wessa l-istess faċċata mat-triq tal-istess binja illum proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli;

13. That in more simple words the person who built the house now Mr Ian Charles Dalli's property had agreed with the neighbor to alter the dividing line, as the neighbor acquired a portion of the rear of the field beyond the boundary wall and the builder of the aforementioned structure, today property of Mr Ian Charles Dalli, acquired an additional strip at the front with the road, thereby maintaining the boundary wall and widening the street-facing frontage of the said building now the property of Mr Ian Charles Dalli;

14. Illi għaldaqstant, l-istess linja ta' bini eżistenti ma tistax tiġi 'super imposed' ma' xi mapep ta' qabel ma kienet

14. That, consequently, the existing building line cannot be 'superimposed' onto maps dating from before the

inbniet l-istess binja fin-1980s illum proprjetà tas-Sur Ian Charles Dalli;

15. Illi fi kliem aktar sempliċi, l-istess intimati xjentement, malizzjożament u dolożament invadew b'mod klandestin u b'mod vjolenti kemm l-istess artijiet tal-istess rikorrent kif ukoll l-istess sottoswol tal-proprjetà tal-istess Sur Ian Charles Dalli:

16. Illi għaldaqstant, anke jekk l-istess intimati kienu għeddew u rrikattaw waħda u sew lill-istess perit tar-rikorrent li kienu se jagħmlu minn kollox sabiex jiħdulu l-warrant ta' perit jekk ma jaċċettax l-istess 'super imposition' tal-Perit tal-istess intimati, l-istess 'super imposition' tal-perit tal-istess intimati qatt ma tista' tiġi imposta fuq l-istess rikorrent;

17. Illi fi kliem ieħor, l-istess pjanta kif hekk proposta mill-istess perit tal-istess intimati, ladarba qatt ma ġiet aċċettata mill-istess rikorrent, qatt ma tista' torbot lill-istess rikorrent;

18. Illi probabbilment anke l-istess triq kif hekk fassluha l-istess intimati, qiegħda sporġuta għal fuq in-naħa ta' ġewwa u mhux fuq in-naħa ta' barra kif kien hekk aċċettata mill-istess Sur Vella John pro et nom permezz tal-kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju, 2007, quddiem in-Nutar Enzo Dimech (ara ritratti li kienu ġew annessi mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kienu ġew immarkati bħala DOK MAZ P3 hekk meħud 16 ta' Lulju 2022);

19. Illi jekk huwa hekk, l-istess linja tat-triq hekk imfassla xjentement, malizzjożament u dolożament mill-istess intimati se taffettwa lill-istess qisien tal-plots li għadhom mirduma taħt it-terrapien, ossija, barra l-istess plots ta' terzi, inkluż dik tal-Onorevoli Maġistrat Monika Vella, l-istess qisien tal-istess plots l-oħra tar-rikorrent se jiġu affettwati b'mod diżastruż;

20. Illi għaldaqstant, l-istess rikorrent għandu l-interess ġuridiku li jara u jivverifika permezz ta' perit nominat minn din l-istess Onorabbli Qorti jekk l-istess linja tat-triq kif hekk ġiet imfassla mill-istess intimati hix se taffettwa ħażin lill-istess qisien tal-istess plots li għadhom hekk mirduma f'parti oħra tal-istess barriera, speċjalment dawk tal-istess plots proprjetà esklusiva tal-istess esponent rikorrent (ara d-dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kien ġie mmarkat bħala DOK Dokument B);

21. Illi bla preġudizzju għas-su espost, l-istess Esponent rikorrent qed jagħmel referenza għal numru ta' emails li kienu ġew skambjati bejn Dott. Ian Stafrac u s-Sur Farrugia Martin, 'Senior Head, Compliance and Enforcement Officer tal-Building Construction Agency (BCA)' fejn jidher ben ċar daqs il-kristall li l-istess BCA kienet ġja ordnat stop

construction of the said Building in the 1980s now property of Mr Ian Charles Dalli;

15. That, in simpler terms, the said respondents knowingly, maliciously, and fraudulently, clandestinely and violently encroached upon both the applicant's land and the subsoil of the property belonging to the said Mr Ian Charles Dalli;

16. That, consequently, even though the said respondents threatened and blackmailed the applicant's architect insisting they would do everything in their power to have his architect's warrant revoked should he fail to accept the 'super imposition' of the respondents' architect, that 'super imposition' by the respondents' architect can never be imposed upon the applicant;

17. That, in other words, the plan proposed by the respondents' architect, never having been accepted by the applicant, can never be binding upon the applicant;

18. That probably the very road as laid out by the respondents themselves, encroaches upon the inner side rather than the outer side, contrary to what was accepted by Mr John Vella pro et nom in the contract published on 11th of June, 2007, before Notary Enzo Dimech (see the photographs which were attached to original Sworn Application, marked as DOK MAZ P3, as taken on the 16th of July 2022);

19. That if this is the case, the road alignment deliberately, maliciously, and fraudulently drawn up by the respondents will affect the dimensions of the plots currently buried beneath the fill material, that is to say, outside the plots belonging to third parties, including that owned by the Honourable Magistrate Monika Vella, the dimensions of the same other plots of the applicant's will be disastrously affected;

20. That, therefore, the applicant has a legal interest in ascertaining and verifying through an architect appointed by this Honourable Court whether the road alignment as designed by the respondents will adversely affect the dimensions of the plots currently backfilled in another part of the quarry, particularly those plots that are the exclusive property of the applicant (see the document which was attached to the original Sworn Application and which wasa marked as Dok Document B);

21. That, without prejudice to the above-mentioned, the applicant refers to a number of emails exchanged between Dr. Ian Stafrac and Mr Farrugia Martin, 'Senior Head, Compliance and Enforcement Officer of the Building Construction Agency (BCA),' wherein it is crystal clear that the BCA itself had already issued a stop notice on the 23rd of

notice fit-23 ta' Ġunju, 2022, fuq l-istess fond suġġett għal din l-istess kawża odjerna, ossija (ara d-dokument li kien ġie anness mar-Rikors Ġuramentat oriġinali u li kie ġie markat bħala DOK BCA):

'… Today, the BCA issued instructions to halt all works and requested responsible perit, together with applicant, to submit all pertinent documents as laid out in S.L. 623.06 …';

22. Illi għaldaqstant, din l-istess Onorabbli Qorti hija mistiedna tivverifika għaliex l-istess intimati ma obdewx żewġ ordnijiet leġittimi hekk maħruġa minn żewġ awtoritajiet kompetenti, ossija:

A. Ordni ta' 'stop notice', hekk maħruġa fit-23 ta' Ġunju, 2022, mill-istess 'Building Construction Agency' (BCA)

B. '… Tilqa' t-talba proviżorjament …' għall-istess Mandat ta' Inibizzjoni hekk impost permezz tad-Digriet hekk maħruġ minn din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta hekk datat il-5 ta' Lulju, 2022; u fuq kollox, jekk kemm-il darba l-istess intimati jħossux li huma:

C. Aktar 'il fuq mill-istess żewġ awtoritàjiet kompetenti kif ukoll aktar 'il fuq mill-istess liġi tant li huma aktar b'saħħithom mill-istess Building Construction Agency (BCA), u fuq kollox huma aktar b'saħħithom minn dawn l-istess Onorabbli Qrati;

D. Illi tant huwa hekk, li milli jidher, l-istess intimati għandhom id-dritt sagrosant ukoll li mhux biss jagħmlu li jridu imma wkoll li għandhom id-dritt sagrosant li:

a) Jinjoraw l-istess Ordni ta' stop notice hekk maħruġa fit-23 ta' Ġunju, 2022, mill-istess Building Construction Agency (BCA); u fuq kollox

b) Jinjoraw għalkollox anke l-istess Digriet li jogħġobha tordna din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Lulju, 2022;

23. Illi bla preġudizzju għas-su espost, l-istess rikorrent ma jistax jifhem kif ħadd għadu ma azzarda jieħu proċeduri kriminali u/jew amministrattivi talli li l-istess Vella John personalment kif ukoll bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited kien b'mod unilaterali ddeċieda li jiddisprezza kemm:

A. L-istess Ordni ta' stop notice hekk maħruġa fit-23 ta' Ġunju, 2022, mill-istess Building Construction Agency (BCA); u fuq kollox anke

B. L-istess Digriet li jogħġobha tordna din l-istess Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Lulju, 2022;

June, 2022, regarding the very property subject to the present case, namely (see the document which was attached to the original Sworn Application and marked as DOC BCA):

'… Today, the BCA issued instructions to halt all works and requested responsible perit, together with applicant, to submit all pertinent documents as laid out in S.L. 623.06 …';

22. That, accordingly, this Honourable Court is invited to verify why the respondents failed to comply with two legitimate orders issued by two competent authorities, namely:

A. An 'stop notice' order, issued on the 23rd of June, 2022, by the 'Building Construction Agency' (BCA) itself;

B. '… Provisionally upholding the request …' for the Warrant of Prohibitory Injunction imposed by the Decree issued by this Honourable Court as presided by a different Magistrate on the date of 5th of July, 2022; and above all, whether the said respondents consider themselves to be:

C. Above the said two competent authorities as well as above the law itself to the extent that they are more powerful than the Building Construction Agency (BCA) itself, and above all more powerful than these very Honourable Courts;

D. So much so that, apparently, the said respondents possess the sacrosanct right not only to do as they please but also the sacrosanct right to:

a) Ignore the stop notice issued on 23rd of June, 2022, by the Building Construction Agency (BCA); and above all

b) Completely disregard the Decree ordered by this Honourable Court presided over by another magistrate on the 5th of July, 2022;

23. That without prejudice to the above-mentioned, the said Complainant fails to understand how no one has yet ventured to initiate criminal and/or administrative proceedings regarding the fact that the said John Vella acting both personally and in his capacity as a Director and representative of the company Island Farmhouses Limited unilaterally decided to disregard:

A. The Order of stop notice issued on the 23rd of June, 2022, by the Building Construction Agency (BCA); and above all also

B. The Decree issued by this same Court as differently presided over on the 5th of July, 2022;

24. Illi fi kliem ieħor, prima face, jidher li l-liġi tal-ġungla donna għadha qed tirrenja fil-Gżira ta' Għawdex u li min iħossu b'saħħtu jagħmel li jrid tant li jħossu li huwa fuq il-liġi;

25. Illi fi kliem ieħor, is-saltna tad-dritt għadha biss ħolma f'ċerti setturi f'Għawdex;

26. Illi bla preġudizzju għas-su espost, l-istess esponent rikorrent, sabiex jipproteġi d-drittijiet tiegħu, qed jitlob ukoll lil din l-istess Onorabbli Qorti tikkunsidra li b'effett immedjat tordna lill-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom milli:

a) Ikomplu jingumbraw bl-istess terrapien u bl-istess skart ieħor li l-istess intimati tefgħu u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom tefgħu b'mod klandestin u b'mod vjolenti fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tlieta u ħamsin metru kwadru (153 M²). Din il-porzjon hija indikata bin-numru tnejn (2) fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B.

b) Ikomplu jingumbraw b'kull tip ta' materjal tal-kostruzzjoni li l-istess intimati qiegħdu u/jew qegħdin u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom qiegħdu u/jew qegħdin b'mod klantestin u b'mod vjolenti fuq l-istess immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tlieta u ħamsin metru kwadru (153 M²). Din il-porzjon hija indikata bin-numru tnejn (2) fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B.

c) Ikomplu jingumbraw bl-istess terrapien u l-istess skart ieħor li l-istess intimati tefgħu u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom tefgħu b'mod klandestin u b'mod vjolenti fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, żewġ porzjonijiet diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tnejn u sittin punt ħamsa metru kwadru (162.5 M²) u tal-kejl ta' madwar mija sitta u disgħin metru kwadru (196 M²). Din il-porzjon hija indikata bħala Part B fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D.

d) Ikomplu jingumbraw b'kull tip ta' materjal ta' kostruzzjoni li l-istess intimati qiegħdu u/jew qegħdin u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom qiegħdu u/jew qiegħdu b'mod klandestin u b'mod vjolenti fuq l-istess immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, żewġ porzjonijiet diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tnejn u sittin punt

24. In other words, prima face, it appears that the law of the jungle still reigns on the Island of Gozo and that those who feel powerful do as they please to the extent that they consider themselves above the law;

25. That in other words, the rule of law remains merely a dream in certain sectors in Gozo;

26. That without prejudice to the above-mentioned, the applicant in order to protect his rights, also requests this Honourable Court to consider ordering with immediate effect the said respondents and/or any third parties engaged by them from:

a) Continue encumbering with the very same fill material and other waste that the said respondents and/or any third parties engaged by them clandestinely and forcibly dumped on the property located in the area known as 'Ta' Randu', within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically, a divided portion of land from a bigger territory measuring approximately one hundred and fifty-three square metres (153 M²). This portion is indicated by the number two (2) on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document A and Document B.

b) Continuing encumbering with all manner of construction material that the said respondents placed and/or are and/or any third parties commissioned by them have placed, or are placing, clandestinely and forcibly upon the said immovable property situated in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically, a divided portion from a larger tract of land measuring approximately one hundred and fifty-three square metres (153 M²). This portion is indicated by the number two (2) on the plans annexed to the Sworn Application and marked as Document A and Document B.

c) Continuing encumbering with the same fill material and other waste that the said respondents placed and/or any third parties commissioned by them placed clandestinely and forcibly upon the immovable property situated in the area known as 'Ta' Randu', within the limits of Ta' Sannat, Gozo, namely, two divided portions from a larger tract of land measuring approximately one hundred sixty-two point five square metres (162.5 M²) and approximately one hundred ninety-six square metres (196 M²). This portion is indicated as Part B on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document C and Document D.

d) Continuing encumbering with all manner of construction materials placed there by the said respondents themselves and/or by third parties acting on their behalf, including materials placed clandestinely and forcibly on the property located in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Sannat Gozo, specifically, two divided portions from a larger tract of land measuring approximately one hundred sixty-two point

ħamsa metru kwadru (162.5 M²) u tal-kejl ta' madwar mija sitta u disgħin metru kwadru (196 M²). Din il-porzjon hija indikata bħala Part B fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D.

e) Ikomplu jingumbraw b'kull tip ta' inġenji, u/jew b'kull tip ta' makkinarju u/jew b'kull tip ta' għodda oħra, eċċ., inkluż b'kull tip ta' inġenji, u/jew b'kull tip ta' makkinarju u/jew b'kull tip ta' għodda oħra, eċċ., tal-kostruzzjoni, inkluż anke bl-istess 'Tower Crane' u l-istess 'Caterpillar', eċċ., li l-istess intimati qiegħdu u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom qiegħdu b'mod klandestin u b'mod vjolenti fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija żewġ porzjonijiet diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tnejn u sittin punt ħamsa metru kwadru (162.5 M²) u tal-kejl ta' madwar mija sitta u disgħin metri kwadri (196 M²). Din il-porzjon hija indikata bħala Part B fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D.

f) Ikomplu jibnu fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa 'Ta Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tmienja u sittin metru kwadru (168 M²) (Din il-porzjon hija indikata bin-numru wieħed (1) fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B), qabel l-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom isewwu l-istess blata li tinsab timminaċċja l-istess immobbli li tinsab l-inħawi magħrufa 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija żewġ porzjonijiet diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tnejn u sittin punt ħamsa metru kwadru (162.5 M²) u tal-kejl ta' madwar mija sitta u disgħin metri kwadri (196 M²) (Din il-porzjon hija indikata bħala PART B fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D,

Illi bl-istess traskuraġni u/jew b'nuqqas tal-ħarsien tar-Regolamenti tal-iskavar, l-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom ikkrejaw periklu ċar daqs il-kristall għal kull minn jinzerta jkun fl-istess żewġ porzjonijiet diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tnejn u sittin punt ħamsa metru kwadru (162.5 M²) u tal-kejl ta' madwar mija sitta u disgħin metru kwadru (196 M²). Din il-porzjon hija indikata bħala Part B fuq il-pjanti annessi mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D.

g) Ikomplu jibnu fuq l-immobbli li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Randu' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, ossija, porzjon diviża minn territorju akbar tal-kejl ta' madwar mija tmienja u sittin metru kwadru (168 M²) (Din il-porzjon art hija indikata bin-numru wieħed (1) fuq il-pjanti annessi

five square metres (162.5 M²) and approximately one hundred ninety-six square metres (196 M²). This portion is indicated as Part B on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document C and Document D.

e) Continuing encumbering with all manner of vehicles, and/or any type of machinery and/or and other equipment, etc., including any type of engines, and/or any type of machinery and/or any other type of equipment, etc., of construction, including also with the same 'Tower Crane' and the same 'Caterpillar' that the said respondents placed there and/or or any third parties acting on their instructions placed clandestinely and in a violent manner on the immovable property situated in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically two divided portions of land forming part of a larger tract, measuring approximately one hundred sixty-two point five square metres (162.5 M²) and measuring approximately one hundred ninety-six square metres (196 M²). This portion is indicated as Part B on the attached plans with the Sworn Application and marked as Document C and Document D.

f) Continuing with construction on the immovable property situated in the area known as 'Ta' Randu' in the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically a divided portion from a larger tract of land, measuring approximately one hundred and sixty-eight square metres (168 M²) (This portion is indicated by the number one (1) on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document A and Document B), before the said respondents and/or any third parties commissioned by them repair the rock face that is undermining the said immovable property located in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically, two divided portions of a larger tract of land measuring approximately one hundred sixty-two point five square metres (162.5 M²) and measuring one hundred ninety-six square metres (196 M²) (This portion is indicated as PART B on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document C and Document D),

Whereas, through such negligence and/or failure to observe excavation regulations, the said respondents and/or any third parties commissioned by them have created a clear and present danger to anyone who happens to be present on the said two subdivided portions of a larger tract of land measuring approximately one hundred sixty-two point five square metres (162.5 M²) and measuring approximately one hundred ninety-six square metres (196 M²) (This portion is indicated as Part B on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document C and Document D).

g) Continue construction on the immovable property located in the area known as 'Ta' Randu' within the limits of Ta' Sannat, Gozo, specifically, a divided portion from a larger tract of land measuring approximately one hundred and sixty-eight square metres (168 M²) (This portion of land is indicated by the

mar-Rikors Ġuramentat u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B), qabel l-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom juri biċ-ċar daqs il-kristall li l-istess triq li qegħdin ifasslu u jibnu l-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom hija dejjem skont kif indikat fuq l-istess pjanta li hemm annessa mal-istess kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju, 2007, quddiem in-Nutar Enzo Dimech bejn Anthony Grech detentur tal-karta tal-identità 66027G, u Zammit Michael Angelo detentur tal-karta tal-identità 0031156G bħala diretturi, u għan-nom u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Tripod Investment Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C13659, u Vella John detentur tal-karta tal-identità 003468G bħala Direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C25788,

Illi kif ġa ġie suriferit, hemm indikazzjoni li l-istess linja tat-triq li l-istess intimati, fasslu u bnew u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom fasslu u bnew ma hijiex formata skont il-linja kif hekk maqbul bejn l-istess partijiet fl-istess kuntratt li kien sar fil-11 ta' Ġunju, 2007, quddiem in-Nutar Enzo Dimech, b'detriment dirett għall-istess plots hekk indikati fuq l-istess kuntratt u li l-istess rikorrent huwa sid esklussiv ta' numru sostanzjali minnhom;

27. Illi l-esponenti ġa ġie ppreġudikat mill-istess intimati kif ingħad;

28. Illi wara s-17 ta' Ġunju, 2022, l-istess rikorrent kien irrealizza li l-istess intimati xjentement, malizzjożament kif ukoll dolożament kienu klandestinament u abbużivament, bi vjolenza u kontra l-volontà tal-istess rikorrent ostakolaw lill-istess rikorrent milli jagħmlu użu sħiħ mill-imsemmija proprjetajiet tiegħu tant illi wara li ġew verifikati ċerti qisien kien ġie mressaq:

a) L-istess tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-numru 24/2022/1 BS fl-ismijiet 'Zammit Michael Angelo detentur tal-karta tal-identità 0031156G bħala direttur u inrappreżentanza wkoll tas-Soċjetà Michael Zammit Holdings Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C9105 Kontra (Intimati) Vella John detentur tal-karta tal-identità 003468G bħala direttur u inrappreżentanza ukoll tas-Soċjetà Island Farmhouses Limited bin-numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetajiet C 25788,

b) Rapport mal-istess Pulizija Eżekuttiva tal-11 ta' Lulju, 2022, ossija 'Current Incident Report' Ref No. NPS 12/POL/3017/2022 talli naqsu li jobdu l-istess Ordni tal-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta billi komplew bix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, eċċ.;

29. Illi bl-aġir tal-istess intimati, l-istess intimati ddisturbaw lir-rikorrent mill-pussess liberu u frank u kkommettew spoll għad-dannu tiegħu u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

number one (1) on the plans attached to the Sworn Application and marked as Document A and Document B), before the said respondents and/or any third parties engaged by them demonstrate crystal clear that the very road being designed and constructed by the said respondents and/or any third parties engaged by them is strictly in accordance with the plan attached to the contract drawn up on 11th of June, 2007, before Notary Enzo Dimech between Anthony Grech holder of identity card number 66027G, and Zammit Michael Angelo holder of identity card number 0031156G, acting as directors and on behalf of and representing the company Tripod Investment Limited with Company Registration number C13659, and John Vella holder of identity card number 003468G, acting as Director and in representation also of the Company Island Farmhouses Limited with Company Registration number C25788,

Whereas, as previously stated, there are indications that the road alignment laid out and constructed by the said respondents and/or by any third parties commissioned by them does not conform to the alignment agreed upon by the Parties in the Contract executed on the 11th of June 2007 before Notary Enzo Dimech, to the direct detriment of the plots specified in said contract, a substantial number of which are exclusively owned by the applicant;

27. Whereas the applicant has already been prejudiced by the said respondents, as previously stated;

28. That after 17th of June, 2022, the said applicant realized that the said respondents had knowingly, maliciously, and fraudulently clandestinely and abusively, using violence and against the applicant's will, obstructed the applicant from making full use of his aforementioned properties, to the extent that, following the verification of certain measurements, the following were filed:

a) The same Warrant of Prohibitory Injunction bearing number 24/2022/1 BS in the names 'Zammit Michael Angelo, holder of Identity Card 0031156G in his capacity as director and representing the company Michael Zammit Holdings Limited with Company Registration No. C 9105 against (Respondents) Vella John holder of identity card number 003468G in his capacity as Director and representing the company Island Farmhouses Limited with Company Registration number C 25788),

b) A report with the Executive Police of the 11th of July, 2022, specifically 'Current Incident Report' Ref. No. NPS 12/POL/3017/2022) regarding the failure to comply with an Order issued by the Honourable Court as presided over by a different magistrate, by continuing with construction works, etc.;

29. That through the actions of the same respondents, the said respondents disturbed the applicant's free and unencumbered possession and committed an act of spoliation to his detriment, thereby necessitating the filing of this case.

Jgħidu għalhekk l-istess intimati għaliex ma għandhiex din l-istess Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara l-fatti su esposti jammontaw għal spoll kommess mill-istess intimati għad-dannu tal-istess rikorrent;

ii. Tikkundanna lill-istess intimati jispurgaw l-ispoll u jirrintegraw lill-istess rikorrent fil-pussess pjen u sħiħ tal-istess art u tal-istess arja tagħha libera u franka minn kull irdim ta' materjal ta' kull forma u ta' kull tip, minn kull makkinarju ta' kull forma u ta' kull tip, minn kull materjal ta' kostruzzjoni ta' kull forma u ta' kull tip, minn kull forma ta' servitujiet u piżijiet hekk kreati mill-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom, eċċ., jekk ikun il-każ, taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din l-istess Onorabbli Qorti;

iii. Tawtoriza lir-rikorrent sabiex fl-inadempjenza tal-istess intimati jagħmel ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex jiġi riintegrat fil-pussess oriġinali tiegħu mingħajr, l-istess materjal ta' kull forma u ta' kull tip hekk depożitat klandistinament u bi vjolenza fuq l-istess art u arja tar-rikorrent, kif ukoll tal-istess makkinarju ta' kull tip u forma li jinstab bla permess fuq l-istess art u arja tar-rikorrent, kif ukoll tal-istess perikolu ċar daqs il-kristall li l-istess intimati u/jew kwalsijasi terzi inkarigati minnhom ikkreaw bl-istess traskuraġni lampanti tagħhom stess b'nuqqas ta' ħarsien tal-istess Regolamenti, b'nuqqas ta' ħila, u b'nuqqas ta' ħarsien tal-istess Regolamenti ta' arti u s-sengħa u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din l-istess Onorabbli Qorti u a spejjeż tal-istess intimati u li dan l-istess obbligu, huwa wkoll in solidum;

iv. Tiddikjara li r-rikorrenti qed isofri danni minħabba l-aġir skorrett u abbużiv tal-istess intimati kollha.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent kontra l-istess intimati.

Bl-ispejjeż anke tal-preżenti

(ft) Av. Carmel Gatt, 140, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta MST 9034

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-

The said respondents therefore are to state why this Honourable Court should not:

i. Declare that the facts set out above amount to an act of dispossession committed by the said respondents to the detriment of the said applicant;

ii. Order the said respondents to remedy the dispossession and restore the said applicant to the full and complete possession of the said land and the airspace above it, free and unencumbered of any rubble or material of any form or type, any machinery of any form or type, any construction material of any form or type, and any form of servitude or burden created by the said respondents and/or any third parties engaged by them, etc., under the direction, if applicable, of an architect appointed by this Honourable Court;

iii. Authorises the applicant, in the event of default by the said respondents, to carry out all works necessary to be restored to his original possession, free of the material of any form or type clandestinely and forcibly deposited on the applicant's land and airspace, and free of any machinery of any type or form found without permission on the applicant's land and airspace, as well as to eliminate the crystal-clear danger created by the said respondents and/or any third parties engaged by them through their own blatant negligence, failure to observe the relevant Regulations, lack of competence, and failure to adhere to the rules of the trade and this under the direction of an architect appointed by this Honourable Court and at the expense of the said respondents, with such obligation being in solidum;

iv. Declares that the applicants are suffering damages due to the improper and abusive conduct of all the said respondents.

With all costs awarded against the said respondents hereby formally called upon to comply and reserving any other action available to the applicant against the said respondents.

Including the costs of these proceedings

(sgd) Adv. Carmel Gatt, 140, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta MST 9034

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to appear as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so desires.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the said timeframe, this

Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Natalino Caruana De Brincat, LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics.), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 4 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section mentioned above with the testimony of the Magistrate Doctor Natalino Caruana De Brincat, LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics.), a Magistrate of the aforementioned Court.

This 4th of September, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2351

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' 35° 14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2026, fil-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

It-terran, bl-arja tiegħu u bi ġnien anness, bla numru uffiċjali, bl-isem 'Rita House', fi Triq Patri Ġużepp Calleja ġja Triq il-Konverżjoni, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, konfinanti min-Nofsinhar mat-Triq Patri Ġużepp Calleja, mill-Punent ma' beni ta' Francesco Bugeja jew is-suċċessuri fit-titlu u mit-Tramuntana ma' beni ta' Giovanni Azzopardi jew is-suċċessuri fit-titlu, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dana hekk kif deskritt aħjar permezz ta' kuntratt datat id-disgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa'mija disgħa u disgħin (29.3.1999) u stmat li jiswa tmien mija u tmenin elf ewro (€880,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' John Borg (KI 904145M) f'ismu personali u bħala l-eredi tad-defunta Jane Borg (KI 600449M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 15/2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 16th June, 2026, on the application of 35°14° Capital SCC plc (C05417) acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 1st October, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Maisonette, with its airspace and the garden annexed, unnumbered officially, named 'Rita House', in Triq Patri Ġużepp Calleja gia Triq il-Konverżjoni, Buġibba, limits of Saint Paul's Bay, bounded on the south by Patri Ġużepp Calleja street, on the west by property of Francesco Bugeja or his successors in title and on the north by property of Giovanni Azzopardi or his successor in title, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and this as better described by means of a deed dated twenty ninth of March of the year one thousand nine hundred and ninety nine (29.3.1999) and valued at eight hundred and eighty thousand euro (€880,000).

The said tenement is the property of John Borg (ID 904145M) personally and as the heir of the deceased of Jane Borg (ID 600449M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 15/2025.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 07th September, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2352

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Lulju, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2026, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Daisy Mae', fi Triq il-Ħlantun, Ħal Safi, mibnija fuq art tal-kejl ta' ċirka mija wieħed u disgħin metru kwadru (191 mk) u konfinanti mill-Grigal mal-imsemmija triq, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Giovanna Agius u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carmela Cutajar, suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u tletin ċenteżmu (€0.35) u dan kif deskritta aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Raphael Darmanin datat ħmistax ta' April elf disa' mija tnejn u tmenin (15/4/1982), stmata li tiswa sitt mitt elf ewro (€600,000).

Il-garaxx bla numru u bla isem li jinsab fi Triq l-Azjar, Ħal Safi, tal-kejl ta' ċirka sittin metru kwadru (60mk), sottopost għal proprjetà ta' terzi, konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija triq, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Ellul u mill-Punent ma' proprjetà ta' Carmela Cutajar, eskluż l-arja tiegħu u suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tnejn u sebgħin ewro ċentezmu (€0.72) (ekwivalenti għal Lm0,31.3), u dan kif deskritt aħjar in atti tan-Nutar Dott. Joseph Agius datat ħamsa ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (5/1/1977), stmat li jiswa mitejn u disgħin elf ewro (€290,000).

L-imsemmija dar hija proprjetà ta' Paul Cutajar (KI 173261M) u Diane Cutajar (KI 59304L) li b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2026, ġew nominati l-kuraturi deputati Dott. Mattia Felice u PL Marie Claire Bartolo għall-eredità ta' Paul Cutajar filwaqt li l-imsemmi garaxx huwa proprjetà ta' Maria Carmela Cutajar (KI 573434M).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 14/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd July, 2026, on the application of Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Tuesday, 27th October, 2026, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The house officially unnumbered named 'Daisy Mae', in Triq il-Ħlantun, Ħal Safi, built on land measuring approximately one hundred and ninety one square meters (191 m²) and bounded on the northeast with the said street, on the northwest by property of Giovanna Agius and on the southeast by property of Carmela Cutajar, subject to annual and perpetual ground rent of thirty five cents (€0.35) and this as better described in the acts of Notary Joseph Raphael Darmanin dated fifteenth of April of the year one thousand nine hundred and eighty two (15/4/1982) valued at six hundred thousand euro (€600,000).

The unnumbered and unnamed garage situated in Triq l-Azjar, Ħal Safi, measuring approximately sixty square meters (60m²), underlying third parties properties, bounded on the east by the said street, on the south by property of Carmelo Ellul and on the west by property of Carmela Cutajar, excluding its airspace and subject to annual and perpetual of seventy two cents (€0.72) (equivalent to Lm0.31,3), and this as better described in the acts of Notary Joseph Agius dated fifth of January of the year one thousand nine hundred and seventy seven (5/1/1977), valued at two hundred and ninety thousand (€290,000).

The said tenement is the property of Paul Cutajar (ID 173261M) and Diane Cutajar (ID 59304L) and by decree dated the 28th May, 2026, Dr Mattia Felice and LP Marie Claire Bartolo were nominated as deputy curators for the heirs of Paul Cutajar while the said garage is property of Maria Carmela Cutajar (ID 573434M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 14/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th September, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2353

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Awwissu, 2026, fuq rikors ta' Demar Properties Limited (C34534) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2026, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th August, 2026, on the application of Demar Properties Limited (C34534), Tuesday, 24th November, 2026, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts

Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, talfond hawn taħt deskritt:

Il-blokka ta' sitt appartamenti bl-arja relattiva, b'żewġ entraturi numerati mija u erbgħa (104) u mija u sebgħa (107) inkluż iż-żewġ garaxxijiet numerati mija u ħamsa (105) u mija u sitta (106) magħrufa bħala 'Highway Buildings' Telgħet ix-Xemxija, Ix-Xemxija, esklużi minn din l-istima l-appartamenti proposti numru disgħa (9) u għaxra (10) kif ukoll garaxx immarkat bi numru sebgħa (7) fl-istess blokka, liberu u frank minn kull ċnus, servitù u ipoteki u drittijiet oħra ta' terzi skont il-kuntratt tal-bejgħ datat id-disgħa ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (9.7.2020) fl-atti tan-Nutar Alexia Farrugia stmati li jiswew miljun u tmien mitt elf ewro (€1,800,000).

Din il-blokka tikkonsisti f'żewġ garaxxijiet fil-pjan terran u sovrapost hemm żewġ appartamenti kull sular u l-appartamenti huma aċċessati minn taraġ komuni u l-istess blokka hija konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjetà numru mija u tmienja (108), mil-Lvant ma' Telgħet ix-Xemxija, min-Nofsinhar ma' Wembley House u mill-Punent ma' rjieħ mhux magħrufa u bil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar PA/11105/17 biex titwaqqa' l-binja esistenzi u jsir l-iżvilupp skont il-permess mitlub.

L-imsemmija proprjetà hija proprjetà ta' Francesco Rugeri (KI197316A).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta 36/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The block of six apartments with the relative airspace, with two entrances numbered one hundred and four (104) and one hundred and seven (107) including two garages numbered one hundred and five (105) and one hundred and six (106) known as 'Highway Buildings' Telgħet ix-Xemxija, Xemxija, excluding from this valuation the proposed apartments number nine (9) and ten (10) as well as a garage marked number seven (7) in the same block, free and unencumbered from any burdens, servitudes and hypothecs and other third parties rights according to the contract of sale dated 9th July of the year two thousand and twenty (9.7.2020) in the acts of Notary Alexia Farrugia valued at one million and eight hundred thousand euro (€1,800,000).

This block consists of two garages on the ground floor level and overlying two apartments on each floor and the said apartments are accessible by a common stairs and the same block is bounded on the north by property numbered one hundred and eight (108), on the east by Telgħet ix-Xemxija, on the south by Wembley House and on the west by unknown boundaries and with the permit issued by the Planning Authority PA/11105/17 to demolish the existing block and carry out the development in accordance with the requested permit.

The said property is the property of Francesco Rugeri (ID197316A).

N.B. The said property will be sold as described in the acts of judicial sales number 36/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th September, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2354

B'digriet tal-25 ta' Novembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim, Awla fit-30 ta' Lulju, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2026, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, talfond hawn taħt deskritt:

By a decree given on the 25th November, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 30th July, 2026, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 5th November, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

Il-fond bin-numru sitta u erbgħin (46), fi Triq San Tumas, Il-Ħamrun, li jikkonsisti minn mezzanin fl-ewwel sular, sovrastanti u sottostanti proprjetà ta' terzi, kif suġġett għal piż piju annwu u perpetwu ta' sebgħa u tletin ċenteżmu u ħames milleżmi (37c5) ekwivalenti għal tmienja u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€0.88), mingħajr l-arja tiegħu, liberu u frank, bil-pussess battal, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Mejju, 2003, u stmat li jiswa mija u erbgħin elf ewro (€140,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Camilleri Stephen (KI 353666M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 1/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The tenement numbered number forty six (46), in Triq San Tumas, Ħamrun, consisting of a maisonette on the first floor level, overlying and underlying third party property, as subject to the annual and perpetual pious burden of thirty seven cents and five mills (37c5) equivalent to eighty eight euro cents (€0.88), without its airspace, free and unencumbered, with vacant possession, with all its rights and appurtenances, and as described in the acts of Notary Pierre Falzon dated the 13th May, 2003, and is valued at one hundred and forty thousand euro (€140,000).

The said tenement is the property of Camilleri Stephen (ID 353666M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 1/2023.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th September, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2355

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5310/2025, fl-ismijiet Charmaine Fenech vs Gabriel Walter Maniscalco, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gabriel Walter Maniscalco a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 27 ta' Novembru, 2025

Lil Gabriel Walter Maniscalco (numru tal-identità AX6843170), 1, 2 Fenech Court, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

Permezz ta' din l-Ittra Ġudizzjarja, is-Sa Charmaine Fenech, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 504381M, irrappreżentata mis-Sur Noel Fenech detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 17383M permezz prokura ġenerali fl-atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool, LLD (Dok. A), qiegħda formalment tpoġġik f'kontumaċja u tinnotifikak bis-segwenti:

Illi inti l-kerrej tal-Apartment 1, 2 Fenech Court, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq, (minn hawn 'il quddiem 'il-Propjeta') abbażi tal-ftehim ta' kiri konkluż mas-Sa Fenech fis-7 ta' Marzu, 2025 (il-'Ftehim ta' Kiri') (Dok. B). Bis-saħħa tal-imsemmi Ftehim tal-Kiri inti marbut, inter alia, li tħallas lis-Sa Fenech:

(i) il-kera ta' kull xahar miftiehma;

By means of a decree of the 11th March, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of judicial letter number 5310/2025, in the names Charmaine Fenech vs Gabriel Walter Maniscalco, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gabriel Walter Maniscalco in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Rent Regulation Board

Today 27th November, 2025

To Gabriel Walter Maniscalco (identity number AX6843170), 1, 2 Fenech Court, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

By means of this judicial letter, Ms Charmaine Fenech, holder of Identity Card number 504381M, represented by Mr Noel Fenech holder of identity card number 17383M by means of a general power of attorney in the records of Notary Dr Vanessa Pool, LLD (Doc. A), you are formally being put in default and you are notified of the following:

That you are the lessee of apartment 1, 2 Fenech Court, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq, (hereinafter 'the Property') on the basis of the lease agreement concluded with Ms Fenech on the 7th March, 2025 (the 'Lease Agreement') (Doc. B). By virtue of the said Lease Agreement you are bound, inter alia, to pay Ms Fenech:

(i) the agreed monthly rent;

(ii) il-kontribuzzjoni miftiehma ta' kull xahar għażżamma u l-manutenzjoni tal-partijiet komuni; u

(iii) it-tariffi kollha għall-konsum tal-ilma u tal-elettriku relatati mal-Propjetà, skont it-termini miftiehma kuntrattwalment u fil-limiti ta' żmien miftiehma.

Dawn l-obbligi jikkostitwixxu obbligi essenzjali u materjali tal-kerrej skont it-tifsira tal-Artikoli 1554 u 1570 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jimponu espressament fuq il-kerrej l-obbligu li jħallas il-kera miftiehma u jirrikonoxxu d-dritt tal-parti leża li titlob ix-xoljiment tal-kera u d-danni meta l-parti l-oħra tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha.

Minkejja t-termini ċari tal-Ftehim tal-Kiri u n-notifiki informali ripetuti, inti ma rnexxilekx tonora puntwalment l-obbligi ta' ħlas tiegħek. Fid-data ta' din l-Ittra Ġudizzjarja, sa fejn taf il-mittenti u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe somma oħra li tista' tirriżulta bħala dovuta, l-ammonti li ġejjin jibqgħu pendenti u pagabbli immedjatament:

(a) il-bilanċ pendenti tal-kera għax-xahar ta' Awwissu 2025 fis-somma ta' mitt ewro (€100), flimkien mal-kontribuzzjoni lejn partijiet komuni għall-istess xahar fis-somma ta' ħamsin ewro (€50), li jammontaw għal mija u ħamsin ewro (€150);

(b) il-kera sħiħa dovuta għal kull wieħed mix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2025, li hija ta' tmien mitt ewro (€800) fix-xahar, flimkien mal-kontribuzzjoni lejn partijiet komuni għal kull wieħed mix-xhur imsemmija fis-somma ta' ħamsin ewro (€50) fix-xahar, li tammonta għal tmien mija u ħamsin ewro (€850) fix-xahar, u għalhekk total ta' elfejn ħames mija u ħamsin ewro (€2,550) għat-tliet xhur imsemmija; u

(c) l-arretrati pendenti kollha fir-rigward tal-ilma u tal-elettriku li jappartjenu għall-Propjetà minn Lulju 2025 sallum, bl-ammonti li ġejjin u ċoè s-somma ta' ħamsa u erbgħin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€45.86) għax-xahar ta' Lulju 2025, tnejn u erbgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€42.34) għax-xahar ta' Awwissu 2025, tmienja u tletin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€38.13) għas-somma ta' Settembru 2025, u erbgħa u tletin ewro u erba' ċenteżmi (€34.04) għas-somma ta' Ottubru, 2025, li għalhekk jammontaw għal total ta' mija u sittin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€160.37), li s-somom bl-istess mod għandhom jitħallsu minnek f'termini tal-Ftehim tal-Kiri.

Sabiex jiġi evitat kull dubju, is-somma totali attwalment mitluba għall-kera mhux imħallsa u għall-kontribuzzjonijiet tal-partijiet komuni kif ukoll għall-pagamenti tal-ilma u tal-elettriku tammonta għal elfejn, tmien mija u sittin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,860.37), flimkien mal-imgħax

(ii) the agreed monthly contribution to the maintenance and servicing of the common parts; and

(iii) all water and electricity consumption charges in relation to the property, on contractually agreed terms and within agreed time limits.

These obligations constitute essential and material obligations of the lessee within the meaning of Articles 1554 and 1570 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta, which expressly impose on the lessee the obligation to pay the agreed rent and recognise the right of the injured party to demand the dissolution of the lease and damages when the other party fails to fulfil its obligations.

Despite the clear terms of the Lease Agreement and repeated informal notifications, you have failed to honour your payment obligations punctually. On the date of this judicial letter, to the knowledge of the interpellant and without prejudice to any other sum that may result as due, the following amounts remain outstanding and payable immediately:

(a) the outstanding rent balance for the month of August 2025 in the sum of one hundred euro (€100), together with the contribution towards common parts for the same month in the sum of fifty euro (€50), amounting to one hundred and fifty euro (€150);

(b) the full rent due for each of the months of September, October and November 2025, which is eight hundred euro (€800) per month, together with the contribution towards common parts for each of the said months in the sum of fifty euro (€50) per month, amounting to eight hundred and fifty euro (€850) per month, and thus a total of two thousand five hundred and fifty euro (€2,550) for the three months mentioned; and

(c) all outstanding arrears in respect of water and electricity belonging to the property from July 2025 to date, with the following amounts and namely the sum of forty-five euro and eighty-six cents (€45.86) for the month of July 2025, forty-two euro and thirty-four cents (€42.34) for the month of August 2025, thirty-eight euro and thirteen cents (€38.13) for the sum of September 2025, and thirty-four euro and four cents (€34.04) for the sum of October 2025, thus amounting to a total of one hundred and sixty euro and thirty-seven cents (€160.37), that the sums shall likewise be paid by you in terms of the Lease Agreement.

For the avoidance of doubt, the total sum currently claimed for the unpaid rent and contributions of the common parties as well as for the water and electricity payments amounts to two thousand, eight hundred and sixty euro and thirty seven cents (€2,860.37), together with legal interest

legali fuqhom mid-dati dovuti rispettivi tagħhom sal-pagament effettiv.

Fid-dawl tal-inadempjenzi persistenti msemmija hawn fuq, u f'termini tal-Ftehim dwar il-Kiri u tal-Artikoli 1554 u 1570 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Att dwar il-Kiri Residenzjali Privat, il-Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sal-punt li l-Att imsemmi huwa applikabbli għal dan il-Kiri, is-Sa Fenech hija intitolata li tittratta n-nuqqas ta' ħlas tiegħek bħala ksur serju u materjali li jiġġustifika x-xoljiment tal-Ftehim dwar il-Kiri u l-iżgumbrament tiegħek mill-Propjetà, filwaqt li huwa mifhum li, f'każijiet ta' kirjiet residenzjali u kummerċjali urbani, it-terminazzjoni għan-nuqqas ta' ħlas tal-kera tista' ssir biss wara li l-kerrej ikun intalab permezz ta' ittra ġudizzjarja u madankollu jkun naqas milli jħallas il-kera fi żmien ħmistax-il (15) jum min-notifika.

Għaldaqstant, permezz ta' din l-Ittra Ġudizzjarja, inti b'dan qed tiġi msejjaħ formalment u mitlub biex:

i) minnufih, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) jum mid-data tan-notifika ta' din l-Ittra Ġudizzjarja, tħallas b'mod sħiħ lis-Sa Fenech l-arretrati kollha msemmija hawn fuq tal-kera u l-kontribuzzjonijiet tal-partijiet komuni kif ukoll l-arretrati tal-ilma u l-elettriku li jammontaw għal elfejn, tmien mija u sittin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,860.37), u l-imgħax legali fuq dawn is-somom kollha mid-dati dovuti rispettivi tagħhom sal-ħlas finali; u

ii) tirregolarizza minnufih kwalunkwe inadempjenza ulterjuri skont il-Ftehim tal-Kiri.

Qed tigi infurmat ukoll formalment li, jekk tonqos milli tikkonforma bis-sħiħ mat-talbiet ta' hawn fuq fil-perjodu perentorju msemmi ta' ħmistax-il (15) jum min-notifika ta' dan, is-Sa Fenech għandha, mill-iskadenza ta' dan il-perjodu, tqis li għandek inadempjenza persistenti u materjali u sejra:

a) tagħżel li tfittex ix-xoljiment tal-Ftehim tal-Kiri għal nuqqas ta' twettiq skont l-Artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili, u għal dan il-għan għandu jibda mingħajr avviż ieħor il-proċediment xierqa quddiem il-Bord kompetenti fejn sejra titlob dikjarazzjoni ta' terminazzjoni tal-Ftehim tal-Kiri u l-iżgumbrament tiegħek mill-bini; u

b) fl-istess ħin jew separatament, tibda l-proċedimenti ġudizzjarji meħtieġa għall-irkupru tas-somom kollha dovuti minnek lilha, inkluži iżda mhux limitati għall-arretrati kollha tal-kera, il-partijiet komuni, l-ilma u l-elettriku, kwalunkwe kera jew kumpens ulterjuri għall-użu u l-okkupazzjoni tal-Propjetà sal-iżgumbrament effettiv u l-kunsinna tal-pussess battal, flimkien mal-interessi legali u l-ispejjeż ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji kollha, id-danni u l-ispejjeż, mingħajr ebda twissija jew intimazzjoni ġudizzjarja ulterjuri.

thereon from their respective due dates till the effective payment.

In view of the above persistent defaults, and in terms of the Lease Agreement and Articles 1554 and 1570 et sequitur of the Civil Code, as well as the applicable provisions of the Private Residential Leases Act, Cap. 604 of the Laws of Malta, to the extent that the said Act is applicable to this Lease, Ms Fench is entitled to consider your non-payment as a serious and material breach justifying the dissolution of the Lease Agreement and your eviction from property, while it is understood that, in cases of residential and commercial urban leases, termination for non-payment of the rent can only take place after the lessee has been requested by judicial letter and has nevertheless failed to pay the rent within fifteen (15) days of notification.

Thus, by means of this judicial letter, you are hereby being formally called upon to:

i) immediately, and in any case not later than fifteen (15) days from the date of service of this judicial letter, pay in full to Ms Fenech all the arrears mentioned above of rent and contributions of the common parts as well as the arrears of water and electricity amounting to two thousand, eight hundred and sixty euro and thirty seven cents (€2,860.37), and legal interest on all these sums from their respective due dates until final payment; and

ii) promptly regularise any further default under the Lease Agreement.

You are also being formally informed that, if you fail to comply fully with the above requests within the mentioned fifteen (15) day time limit from the notification thereof, Ms Fenech shall, from the expiry of this period, consider that you have a persistent and material default and will:

(a) choose to seek the dissolution of the Lease Agreement for non-performance in accordance with Article 1570 of the Civil Code, and to this end initiate without further notice the appropriate proceeding before the competent Board requesting a declaration of termination of the Lease Agreement and your eviction from the premises; and

b) at the same time or separately, initiate the necessary judicial proceedings for the recovery of all sums due by you, including but not limited to all rent arrears, common parts, water and electricity, any rent or further compensation for the use and occupation of the property until the effective eviction and delivery of vacant possession, together with all legal interest and judicial and extrajudicial costs, damages and costs, without further judicial warning or solicitation.

Biex jiġi evitat id-dubju, kwalunkwe ħlas li jista' minn hawn 'il quddiem jiġi aċċettat mill-mittenti wara n-notifika ta' din l-Ittra Ġudizzjarja għandha, sakemm ma jkunx miftiehem espressament mod ieħor bil-miktub, jiġi aċċettat strettament akkont, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-mittenti li tinsisti fuq ix-xoljiment tal-Ftehim ta' Kiri, l-iżgumbrament tiegħek mill-bini u l-irkupru tad-danni, l-arretrati, l-interessi u l-ispejjeż kollha kif imsemmi qabel, u bl-ebda mod ma għandu jiġi interpretat bħala rinunzja, remissjoni jew kompromess ta' kwalunkwe dritt jew azzjoni mogħtija lill-mittenti bil-liġi jew f'termini tal-Ftehim ta' Kiri.

Din l-Ittra Ġudizzjarja qed tinħareġ u tiġi nnotifikata lilek għall-effetti u l-finijiet kollha tal-liġi, inkluż, mingħajr limitazzjoni, għall-finijiet tal-Artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kiri Residenzjali Privati, u ssir kompletament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt, motiv jew rimedju ieħor, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk b'ekwità, li huma, jew li fil-futur jistgħu jkunu, kompetenti għall-mittenti, li kollha qegħdin b'dan jiġu espressament riżervati.

Illi flimkien ma' din l-Ittra Ġudizjarja qiegħda tiġi annessa traduzzjoni tal-kontenut ta' din l-Ittra.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 4 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

For the avoidance of doubt, any payment that may hereafter be accepted by the interpellant after the service of this judicial letter shall, unless expressly agreed otherwise in writing, be accepted strictly on account, without prejudice to the rights of the interpellant to insist on the termination of the Lease Agreement, your eviction from the premises and the recovery of all damages, arrears, interest and expenses as aforesaid, and shall in no way be construed as a waiver, remission or compromise of any rights or actions granted to the interpellant by law or in terms of the Lease Agreement.

This judicial letter is being issued and notified to you for all effects and purposes of law, including, without limitation, for the purposes of Article 1570 of the Civil Code and the relevant provisions of the Private Residential Leases Act, and is made entirely without prejudice to any other right, motive or remedy, whether by law or by equity, which are, or may be in the future, competent for the applicant, all of which are hereby expressly reserved.

That the husband of the applicant, namely the deceased Francis Pullicino, acquired this premises during his marriage with the applicant by means of a contract of sale published in the records of Notary Dr John Gambin and dated the sixteenth (16) June of the year one thousand nine hundred eighty three (1983), which deed is here attached and marked as Doc. A;

That thus the applicant is the widow and the sole heir of her husband Francis Pullicino;

That the applicant is also attaching a site plan of the property above mentioned, which is being marked as Doc. B;

That the applicant does not know who the current direct owners and sub-dominiums of the said premises are and namely the heirs of the above mentioned original owner and various sub-owners;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by means of Article one thousand five hundred and one (1501) of Cap. Sixteen (16) of the Laws of Malta;

That the sum of thirteen euro and four cents (€13.04) capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to the sum of two hundred and sixty euro and eighty cents (€260.80);

That the applicant is depositing also the sum of thirteen euro and four cents representing arrears of laudemium;

That the applicant is depositing the sum of sixty five euro and twenty cents (€65.20) representing arrears of ground rent and sub-ground rent.

Thus and in view of the above, the applicant to redeem the groundrent and sub-groundrent imposed on the property mentioned in the amount as premised, is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the total sum of three hundred thirty nine euro and four cents (€339.04) so that this amount is freely withdrawn by those who prove that they have a right to the same after leaving the due receipt according to law.

Applicant: 133, 'St Rita', Triq Ġużè D'Amato, Ħal Tarxien

Notifika: Kuraturi Deputati, Il-Qorti, Malta

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Rachel Montebello, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Mejju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Deputy Curators, Courts of Justice, Malta

Director Public Registry, Public Registry, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Rachel Montebello, LLD Doctor of Laws.

Today 25th May, 2026

Registry of the Superior Courts, today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2370

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' Melanie Zammit ġie ordnat, sabiex jiġu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw id-directus dominus u s-sub-directus dominus fl-atti taċ-ċedola 2003/2025, fl-ismijiet Melanie Zammit vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens ta' Melanie Zammit, bint Alfred Zammit u Theresa Zammit née Grech, imwielda tal-Pietà, u residenti Marsaskala, karta tal-identità numru 0197386M vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw is-sidien li għandhom id-directus dominus u sub-directus dominus, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2025, fejn Melanie Zammit (KI 0197386M) esponiet bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 26th September, 2025, following a request of Melanie Zammit it was ordered that deputy curators be appointed to represent the directus dominus and sub-directrus dominus in the records of the schedule of deposit 2003/2025, in the names Melanie Zammit vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of ground rent of Melanie Zammit, daughter of Alfred Zammit and Theresa Zammit née Grech, born in Tal-Pietà, and residing in Marsaskala, identity card number 0197386M vs Deputy Curators appointed to represent the owners who have the directus dominus and sub-directus dominus, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 23rd September, 2025, the applicant Melanie Zammit (ID 0197386M) respectfully submitted:

Illi l-esponenti akkwistat flimkien ma' Patrick Mugliette, il-fond u ċoè l-flat internament immarkat bin-numru tejn (2), formanti parti minn blokk bin-numru uffiċjali sitta u għoxrin (26) u magħruf bħala 'Amber Court' fi Triq ir-Rummien, Marsaskala, mibni fuq plott numru għoxrin (20) u fuq nofs plott numru wieħed u għoxrin (21), mill-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Bidni' limiti ta' Marsaskala, liema appartament huwa fl-aħħar sular tal-korp ta' bini, konfinanti mill-Punent mal-imsemmija triq, Tramuntana ma' proprjetà ta' Nazzareno Borg u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Emanuel u Mary konjugi Cutajar jew is-suċċessuri fit-titolu, bil-komunjoni mal-appartament sottopost tal-bieb ta' barra, l-entrata, taraġ u indani, suġġett għar-rata ta' ċens u subċens annwu u perpetwu ta' tnax-il lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm12.50) ekwivalenti għal disgħa u għoxrin ewro u tnax-il ewro cent (€29.12), hekk kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist ippubblikat min-Nutar Dott. Bartolomeo Micallef datat sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi I-esponenti kienet iżżewġet lil Patrick Mugliette u l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Nicholas Vella erbgħa ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) (Dok. B), liema żwieġ ġie wkoll annullat permezz ta' sentenza mogħtija mit-tribunal ekklesjastiku datata disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015);

Illi I-esponenti qegħdin wkoll jippreżentaw fis-site plan ta' fejn tinsab il-proprjetà, liema site plan qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

Illi d-directus dominus u sub-directus domunis jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu huma injoti u għaldaqstant se jiġu rrappreżentati fl-atti ta' din iċ-ċedola mill-kuraturi deputati;

Illi l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u tifdi l-istess ċens kif stipulat fl-istess liġi;

Illi s-somma ta' disgħa u għoxrin ewro u tnax-il ewro ċenteżmi (€29.12), kapitalizzata bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) hekk kif indikat fil-kuntratt tal-impożizzjoni tas-subċens ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Angelo Sammut datat tlieta (3) ta' Jannar elf disa' mija sebgħa u sittin (1967) tammonta għal seba' mija tmienja u għoxrin ewro u tmenin ewro ċenteżmi (€728.80), liema somma tirrappreżenta ċ-ċens dovut lil dominus jew is-sub-dominus jew is-suċċessur fit-titolu li huma injoti;

Illi l-esponenti qiegħda tiddepożita s-somma ta' disgħa u għoxrin ewro u tnax-il ewro ċenteżmi (€29.12) rappreżentanti laudemium dovuta lis-suċċessuri fit-titolu tad-directus dominus li huma injoti.

That the applicant acquired together with Patrick Mugliette, the premises and namely the flat internally marked number two (2), forming part of a block officially numbered twenty-six (26) and known as 'Amber Court' in Triq ir-Rummien in Marsaskala, built on plot number twenty (20) and on half plot numbered twenty-one (21), from the field known as 'Tal-Bidni' limits of Marsaskala, which apartment is on the last floor of the block of buildings, bounded on the West by the said street, on the North by property of Nazzareno Borg and on the south by property of the successors in title of Emanuel and Mary spouses Cutajar or successors in title, in Community with the underlying apartment of the entrance door, the entrance, stairs and landings, subject to the rate of annual and perpetual groundrent and subgroundrent of twelve Maltese lira and fifty cents (Lm12.50) equivalent to twenty-nine euro and twelve euro cents (€29.12), as better described in the contract of acquisition published by Notary Doctor Bartolomeo Micallef dated seventeenth (17) of February of the year two thousand and six (2006) a copy of which is here attached and marked as Doc. A;

That the applicant had married Patrick Mugliette and the parties had separated by means of a contract published in the records of Notary Dr Nicholas Vella fourth June year two thousand and twelve (2012) (Doc. B), which marriage was also annulled by means of a judgement given by the Ecclesiastical Tribunal dated twenty-nine (29) of May of the year two thousand and fifteen (2015);

That the applicants are also presenting in the site plan where the property is situated, which site plan is here attached and marked as Doc. C;

That the directus dominus and sub-directus domunis or their successors in title are noted and thus they shall be represented in the records of this schedule of deposit by deputy curators;

That the applicant is availing herself of the provisions of Article 1501 of the Civil Code (Cap 16) and redeem the same groundrent as stipulated in the same law;

That the sum of twenty-nine euro and twelve euro cent (€29.12) capitalised at the rate of four percent (4%) as indicated in the contract of imposition of the sub-groundrent published in the records of Notary Doctor Angelo Sammut dated three (3) of January one thousand nine hundred sixty-seven (1967) amounts to seven hundred twenty-eight euro and eighty euro cent (€728.80), which sum represents the groundrent due to the dominus or the sub-dominus or successor in title which are noted;

That the applicant is depositing the sum of twenty-nine euro and twelve euro cent (€29.12) representing the laudemium due to the successors in title of the directus dominus which are noted.

Għaldaqstant, l-esponent sabiex tifdi ċ-ċens impost fuq il-fond imsemmi fl-ammont kif premess jadixxi din il-Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma kumplessiva ta' seba' mija sebgħa u ħamsin ewro u tnejn u disgħin ewro ċenteżmu (€757.92) sabiex l-istess tiġi liberament irtirata skont il-liġi wara li titħalla d-debita rċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Flat 2, Blokk 26 Amber Court, Triq ir-Rummien, Marsaskala

Notifika: Kuraturi Deputati, il-Qorti, Malta
Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 26 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus, the interpellant to redeem the groundrent imposed on the premises mentioned in the amount as premised calls upon this Court and under its authority deposits the global sum of seven hundred fifty-seven euro and ninety-two euro cent (€757.92) so that the same be freely withdrawn according to law after leaving the due receipt according to law.

Depositors: Flat 2, Block 26 Amber Court, Triq ir-Rummien, Marsaskala

Notifications: Deputy Curators, Courts of Justice, Malta
Director Public Registry, Public Registry, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 26th September, 2025

Registry of the Superior Courts, today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2371

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Awwissu, 2026, fuq talba ta' Raymond Agius et ġie ordnat, biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa Vincent Robert Rizzo fl-atti taċ-Ċedola numru 1620/2026, fl-ismijiet Raymond Agius et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 21st August, 2026, following a request of Raymond Agius et it was ordered, that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of Vincent Robert Rizzo in the records of the Schedule of Deposit number 1620/2026, in the names Raymond Agius et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' fidi u depożitu ta' ċens numru 1620/2026 fl-ismijiet Raymond Agius, iben il-mejtin Carmelo Agius u Carmela Agius née Camilleri, armel, imwieled Mosta u residenti l-Mosta, detentur tal-karta tal-identità numru 132152M; Eustace Agius, iben il-mejtin Carmelo Agius u Carmela Agius née Camilleri, miżżewweġ, imwieled il-Mosta u residenti l-Mosta, detentur tal-karta tal-identità numru 680153M; Joseph Agius, iben il-mejtin Carmelo Agius u Carmela Agius née Camilleri, miżżewweġ, imwieled il-Mosta u residenti l-Mosta, detentur karta tal-identità numru 221965M; Cecilia Attard, bint il-mejtin Carmelo Agius u Carmela Agius née Camilleri, mart Ivan Attard, imwielda l-Mosta u residenti l-Mosta, detentriċi tal-karta tal-identità numru 403859M; Anna Ellul, bint il-mejtin Carmelo Agius u Carmela Agius née Camilleri, mart Martin Ellul, imwielda l-Mosta u residenti Ħ'Attard, detentriċi tal-karta tal-identità numru 695856M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Vincent Robert Rizzo, iben id-defunti Vincent u Antonia née Mifsud, li kien imwieled il-Belt Valletta u residenti San Ġiljan bħala direttarju, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' Awwissu, 2026, fejn Raymond Agius (KI 132152M), Eustace Agius (KI 680153M), Joseph Agius (KI 221965M), Cecilia Attard (KI 403859M) u Anna Ellul (KI 695856M) jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti jgawdu ċ-ċens annwu u perpetwu fuq il-fond u ċoè d-dar bin-numru erbgħa u disgħin (94) u l-garaxx bin-numru tnejn u disgħin (92), li jinsabu fi Triq Anġlu Gatt fil-Mosta, liema fond intier qiegħed jiġi identifikat skont pjanta annessa u mmarkata bħala Dok. A1 li nħarġet mir-Reġistru tal-Artijiet u hija ċċertifikata mill-Perit Adrian Mangion;

Illi l-esponenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz tal-Att ta' Dikjarazzjoni ta' Trasferiment Causa Mortis datat tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena 2024 magħmul fl-Atti tan-Nutar Dott. Angele Rapa, li jinsab anness u huwa mmarkat bħala Dok. A2;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija taħt il-provvedimenti tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu ċ-ċens annwu u perpetwu.

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu relattiv ġie maħluq in forza tal-Att ta' Enfitewsi datat tmintax (18) ta' Frar tas-sena 1954 fl-Atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu inkwistjoni huwa indikat fil-Kuntratt ta' Enfitewsi datat tmintax (18) ta' Frar tas-sena 1954 fl-Atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino, liema Att kien ġie kkoreġut permezz tal-Kuntratt datat tnax (12) ta' Ottubru tas-sena 1961 fl-Atti tan-nutar Dott. Paul Pullicino, liema Atti jinsabu annessi u huma mmarkati bħala Dok. A3 u Dok. A4, in forza ta' liema, Vincent Robert Rizzo, iben

By means of a schedule of redemption and deposit of groundrent number 1620/2026 in the names of Raymond Agius, son of the late Carmelo Agius and Carmela Agius née Camilleri, widower, born in Mosta and resided in Mosta, holder of identity card number 132152M; Eustace Agius, son of the late Carmelo Agius and Carmela Agius née Camilleri, married, born in Mosta and residing in Mosta, holder of identity card number 680153M; Joseph Agius, son of the late Carmelo Agius and Carmela Agius née Camilleri, married, born in Mosta and residing in Mosta, holder of identity card number 221965M; Cecilia Attard, daughter of the late Carmelo Agius and Carmela Agius née Camilleri, wife of Ivan Attard, born in Mosta and residing in Mosta, holder of identity card number 403859M and Anna Ellul, daughter of the late Carmelo Agius and Carmela Agius née Camilleri, wife of Martin Ellul, born in Mosta and residing in Ħ'Attard, holder of identity card number 695856M vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Vincent Robert Rizzo, son of the late Vincent and Antonia née Mifsud, who was born in Valletta and resided in St Julian's as directowner, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 13th August, 2026, whereby Raymond Agius (ID 132152M), Eustace Agius (ID 680153M), Joseph Agius (ID 221965M0, Cecilia Attard (ID 403859M) and Anna Ellul (ID 695856M) respectfully submitted:

That the applicants enjoy the annual and perpetual groundrent on the premises and namely the house with number ninety four (94) and the garage with number ninety two (92), which are situated in Triq Anġlu Gatt in Mosta, which are being identified according to a plan attached and marked as Doc. A1 which was issued by the Land Registry and is certified by Architect Adrian Mangion;

That the applicants acquired the said premises by means of the deed of Declaration of transfer Causa Mortis dated twenty eight (28) of August of the year 2024 made in the records of Notary Dr Angele Rapa, which is attached and marked as Doc. A2;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them under the provisions of Article 1501 of the Civil Code and redeem the annual and perpetual groundrent.

That the relative annual and perpetual groundrent was created in virtue of the Act of emphyteusis dated eighteenth (18) of February of the year 1954 in the records of Notary Dr Paul Pullicino;

That the annual and perpetual groundrent in question is indicated in the contract of emphyteusis dated eighteenth (18) February of the year 1954 in the records of Notary Dr Paul Pullicino, which was corrected by means of the contract dated twelve (12th) October of the year 1961 in the records of Notary Dr Paul Pullicino, which are attached and marked as Doc. A3 and Doc. A4, in virtue of which, Vincent Robert

id-defunti Vincent u Antonia née Mifsud, li kien imwieled il-Belt Valletta u residenti San Ġiljan bħala direttarju kkonstitwixxa a favur tiegħu ċ-ċens annwu u perpetwu fuq art fil-Mosta magħrufa bħala Tal-Paggi sive San Pawl, fid-distrett magħruf bħala 'Ta' Imliet' ta' kejl ta' elf u mitejn u ħdax-il qasba kwadra punt tlieta sitta (1,211.36 q.k);

Illi l-imsemmi ċens annwu u perpetwu dovut fuq id-dar u l-garaxx, kif indikati fil-pjanta magħmula mill-Perit Adrian Mangion u ċoè Dok. A1, jammonta għal ħamsa u ħamsin ewro u disgħin ċenteżmu (€55.90) u dan skont il-Kuntratt ta' Bejgħ datat tnejn (2) ta' Marzu tas-sena 1991 magħmul fl-Atti tan-Nutar Dott. Mark Coppini, li jinsab anness u mmarkat bħala Dok. A5;

Illi l-imsemmi ċens annwu u perpetwu dovut jammonta għal ħamsa u ħamsin ewro u disgħin ċenteżmu (€55.90) kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għas-somma ta' elf u mija u tmintax-il ewro (€1,118);

Illi l-esponenti qegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' tliet mija u ħamsa u tletin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€335.43) rappreżentanti ħames snin arretrati ta' pagamenti taċ-ċens odjern dovut flimkien ma' sena lawdemju;

Għaldaqstant, l-esponenti jixtiequ jaddixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' elf u mija u tmintax-il ewro (€1,118) rappreżentanti l-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu, flimkien mas-somma ta' tliet mija u ħamsa u tletin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€335.43) rappreżentanti ħames snin arretrati ta' pagamenti taċ-ċens odjern dovut flimkien ma' sena lawdemju, total ta' elf, erba' mija u tlieta u ħamsin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,453.43) sabiex din l-istess somma tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta u jitnaqqsu l-ispejjeż tar-Reġistru għal dan l-iskop in linea ma' tali rkupru tal-ammont.

Esponenti: Raymond Agius (132152M), Eustace Agius (680153M), Joseph Agius (221965M), Cecilia Attard (403859M), Anna Ellul (695856M) – c/o LexMalta Advocates, 55, Triq l-Oratorju, Il-Mosta

Intimati: Kuraturi Deputati maħtura għan-nom tal-eredi mhux magħrufa ta' Vincenzo Robert Rizzo

Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 2000

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Rizzo, son of the late Vincent and Antonia née Mifsud, who was born in Valletta and resided in St Julian's as direct owner, constituted in his favour the annual and perpetual groundrent on the land in Mosta known as Tal-Paggi sive San Pawl, in the limits of 'Ta' Imliet' of the area of one thousand and two hundred and eleven square canes point three six (1,211.36 s.c);

That the said annual and perpetual groundrent due on the house and garage, as indicated in the plan made by Architect Adrian Mangion and namely Doc. A1, amounts to fifty five euro and ninety cents (€55.90) and this according to the contract of sale dated 2nd March of the year 1991 made in the records of Notary Dr Mark Coppini, which is attached and marked as Doc. A5;

That the said annual and perpetual groundrent due amounts to fifty five euro and ninety cents (€55.90), which capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to the sum of one thousand one hundred and eighteen euro (€1,118);

That the applicants are also depositing the sum of three hundred and thirty five euro and forty three cents (€335.43) representing five years arrears of payments of the present groundrent due together with one year laudemium;

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority deposit the sum of one thousand one hundred and eighteen euro (€1,118) representing the redemption of the annual and perpetual groundrent, together with the sum of three hundred and thirty five euro and forty three cents (€335.43) representing five years arrears of payments of the present groundrent due together with one year laudemium, a total of one thousand, four hundred fifty three euro and forty three cents (€1,453.43) so that this same sum can be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt and deducted the costs of the Registry for this purpose in line with such recovery of the amount.

Applicant: Raymond Agius (132152M), Eustace Agius (680153M), Joseph Agius (221965M), Cecilia Attard (403859M), Anna Ellul (695856M) – c/o LexMalta Advocates, 55, Triq l-Oratorju, Mosta

Respondents: Deputy Curators appointed on behalf of the unknown heirs of Vincenzo Robert Rizzo

Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 2000

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 21 ta' Awwissu, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul, LLD, Doctor of Laws.

Today 21st August, 2026

Registry of the Superior Courts, today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2372

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' April, 2025, Rikors numru 649/2022/1, minn Agnes Bezzina, fejn insegwitu tar-rikors Stephen Bezzina li għandu karta tal-identità numru 0402974M, ġie rikonfermat permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Settembru, 2025, taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija fir-rikors.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th April, 2025, Application number 649/2022/1, by Agnes Bezzina, whereby following the application, Stephen Bezzina, holding identity card number 0402974M, was reconfirmed by means of a decree given on the 15th September, 2025, under all the conditions therein mentioned in the application.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2373

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Mejju, 2026, Rikors numru 461/2026, minn Alan Friggieri et, fejn insegwitu tar-rikors Charles Friggieri, imwieled il-Marsa, Malta, fis-16 ta' Jannar, 1949, ta' 77 sena, li jinsab rikoverat fid-dar tal-anzjani Casa Arkati, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta, Malta, u li għandu karta tal-identità numru 071949M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Awwissu, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 19th May, 2026, Application number 461/2026, by Alan Friggieri et, whereby following the application Charles Friggieri, born in Marsa, Malta, on the 16th January, 1949, aged 77,and is under care at the home for the elderly Casa Arkati, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, Malta and holding identity card number 071949M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 20th August, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2374

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 737/2026, minn Salvina Dimech née Caruana et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Salvina Dimech née Caruana, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Joseph Dimech iben id-decujus is-suċċessjoni ta' John Dimech, żewġ Salvina Dimech née Caruana, bin il-mejtin Michael Dimech u Annunziata Dimech née Cauchi, imwieled il-Marsa, Malta, kien residenti Bormla, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fil-21 ta' Ġunju, 2025, ta' 72 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0748252M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th August, 2026, Application number 737/2026 by Salvina Dimech née Caruana et, whereby they requested that it be declared open in favour of Salvina Dimech née Caruana, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Joseph Dimech son of the decujus in equal shares between them the succession of John Dimech, husband of Salvina Dimech née Caruana, son of the late Michael Dimech and Annunziata Dimech née Cauchi, born in Marsa, Malta, resided in Cospicua, Malta, and died in Msida, Malta, on the 21st June, 2025, aged 72, and who held identity card number 0748252M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2375

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 739/2026, minn Rita Pace née Busuttil et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rita Pace née Busuttil, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Annalise Pace, Brian Pace u Simon Pace wlied d-decujus fi kwoti ndaqs bejnetihom is-suċċessjoni ta' Vincent Pace, żewġ Rita Pace née Busuttil, bin il-mejtin Spiridjun Pace u Theresa Pace née Schembri, imwieled Bormla, Malta, kien residenti l-Mosta, Malta u miet il-Mosta, Malt, fit-2 ta' Mejju, 2026, ta' 74 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0870551M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th August 2026, Application number 739/2026, by Rita Pace née Busuttil et, whereby they requested that it be declared open in favour of Rita Pace née Busuttil, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Annalise Pace, Brian Pace and Simon Pace children of the decujus in equal shares between them the succession of Vincent Pace, husband of Rita Pace née Busuttil, son of the late Spiridjun Pace and Theresa Pace née Schembri, born in Cospicua, Malta, resided in Mosta, Malta, and died in Mosta, Malta, on the 2nd May, 2026, aged 74 and who held identity card number 0870551M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2376

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 746/2026, minn Sheridan (Ann Sheridan) Formosa née Pace, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Sheridan (Ann Sheridan) Formosa née Pace, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Gabriel Formosa bin d-decujus is-suċċessjoni ta' Ludvic Formosa, żewġ Sheridan (Ann Sheridan) Formosa née Pace, bin il-mejjet Carmelo Formosa u Josephine Formosa née Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti Bormla, Malta, u miet iż-Żejtun, Malta, fis-17 ta' April, 2026, ta' 53 sena, u li kellu karta tal-identità numru 176573M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th August, 2026, Application number 746/2026, by Sheridan (Ann Sheridan) Formosa née Pace, whereby she requested that it be declared open in favour of Sheridan (Ann Sheridan) Formosa) née Pace, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Gabriel Formosa son of the decujus the succession of Ludvic Formosa, husband of Sheridan (Ann Sheridan) Formosa née Pace, son of the late Carmelo Formosa and Josephine Formosa née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Cospicua, Malta, and died in Żejtun, Malta, on the 17th April, 2026, aged 53, and who held identity card number 176573M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2377

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Awwissu, 2026, Rikors numru 757/2026, minn Mary Rose Dalli née Galea et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Rose Dalli née Galea, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Ingrid Dalli u Ian Dalli wlied d-decujus fi kwoti ndaqs bejnetihom is-suċċessjoni ta' Joseph Dalli, żewġ Mary Rose Dalli née Galea, bin il-mejtin Emanuel Dalli u Cecilia née Cassar, imwieled Santa Venera, Malta, kien residenti Ħ'Attard, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-23 ta' Mejju, 2018, ta' 72 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0534345M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th August, 2026, Application number 757/2026 by Mary Rose Dalli née Galea et, whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Rose Dalli née Galea, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Ingrid Dalli and Ian Dalli children of the decujus in equal shares between them the succession of Joseph Dalli, husband of Mary Rose Dalli née Galea, son of the late Emanuel Dalli and Cecilia née Cassar, born in Santa Venera, Malta, resided in Ħ'Attard, Malta, and died in Msida, Malta, on the 23rd May, 2018, aged 72, and who held identity card number 0534345M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2378

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-10 ta' Awwisu 2026, Rikors numru 2405/2022/2, minn Shirley Attard née Galea, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Shirley Attard née Galea oħt id-decujus is-suċċessjoni ta' Tyrone Galea, divorzjat minn Rosanne Scicluna, bin Carmelo Galea u Helen Galea née Manicolo, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti s-Swieqi, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-18 ta' Lulju, 2022, ta' 46 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0359676M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th August 2026, Application number 2405/2022/2 by Shirley Attard née Galea, whereby she requested that it be declared open in favour of Shirley Attard née Galea, sister of the decujus the succession of Tyrone Galea, divorced from Rosanne Scicluna, son of Carmelo Galea and Helen Galea née Manicolo, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Swieqi, Malta and died in Msida, Malta, on the 18th July, 2022, aged 46, and who held identity card number 0359676M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 10th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2379

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-29 ta' Diċembru, 2025, fuq talba ta' Adrian D'Agata ġie ordnat, biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-Legat Chierico Paolo u Teresa Germani Xuereb li kien amministrat mill-Wisq Reverendu Kanoniku Dun Lorenzo Saliba, fl-atti taċ-ċedola numru 2723/2025, fl-ismijiet Adrian D'Agata vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta'ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Adrian D'Agata (KI 793559M) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw il-'Legat Chierico Paolo u Teresa Germani Xuereb' li mietu rispettivament fit-13 ta' April, 1820, u 23 ta'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By a decree given by this Court on the 29th December 2025 following a request of Adrian D'Agata it was ordered that deputy curators be chosen to represent 'Legacy Chierico Paolo and Teresa Germani Xuereb that was administered by the Reverend Canon Father Lorenzo Saliba', in the acts of the schedule of deposit number 2723/2025, in the names Adrian D'Agata vs Deputy Curators and in the other and relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent of Adrian D'Agata (ID 793559M) vs Deputy Curators to represent the 'Legacy Chierico Paolo and Teresa Germani Xuereb' who died respectively on the 13th April,

Diċembru, 1829, li kien amministrat mill-Wisq Reverendu Kanoniku Dun Lorenzo Saliba prokuratur tal-Knisja ta' San Ġorġ Ħal Qormi favur min kienu l-legati ('Dok. A'), ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-19 ta' Diċembru, 2025, fejn l-istess Adrian D'Agata espona bir-rispett:

Illi l-esponenti Adrian D'Agata xtara b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-23 ta' Lulju, 1987, mill-poter ta' Edward u Marie konjuġi D'Agostino l-fond ossija dar bin-numru ħamsa u erbgħin (45), jisimha Settembrina, fi Triq l-Imgħażel fis-Swieqi, bil-garaxx sottopost għaliha numru sebgħa u erbgħin (47), konfinati mit-Tramuntana mat-Triq imsemmija, mil-Lvant ma' beni tal-eredi ta' Ludovico Bianco mill-Punent ma' beni ta' Anthony Sammut, bl-arja libera u s-sottoswol tagħha, bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi kollha tagħha, kif suġġetta din id-dar għas-subċens annwu u perpetwu ta' sitta u tletin lira Maltin (Lm36) illum ekwivalenti għal tlieta u tmenin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€83.86) dovut lil-Legat Paolo u Theresa Germani Xuereb (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B');

